

# Il-Ġurnal Uffiċjali

# L 120

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

13 ta' Mejju 2010

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Ir-Regolament Nru 11 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti li jżommu l-bibien ..... 1
- ★ Ir-Regolament Nru 18 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra l-użu awtorizzat ..... 29
- ★ Ir-Regolament Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu ..... 40
- ★ Ir-Regolament Nru 73 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi tat-tagħbija, il-karrijiet u s-semikarrijiet fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħhom ..... 49

Prezz: 4 EUR

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux legiſlattivi)

## ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali NU/ECE biss għandhom effett legali skont id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/ECE, TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

### **Ir-Regolament Nru 11 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti li jżommu l-bibien**

Li tinkorpora t-test validu kollu sa:

Suppliment 2 għas-serje 03 ta' emendi – Data tad-dħul fis-seħħ: 17 ta' Marzu 2010

#### KONTENUT

##### REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. L-approvazzjoni
5. Ir-rekwiżiti ġenerali
6. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni
7. Il-proċeduri tat-testijiet
8. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura
9. Il-konformità tal-produzzjoni
10. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
11. Twaqqif definittiv tal-produzzjoni
12. L-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi
13. Dispożizzjonijiet tranżitorji

##### ANNESI

- Anness 1 – Komunikazzjoni
- Anness 2 – Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni
- Anness 3 – Test tal-lukkett għat-testijiet tat-tagħbija wieħed, tnejn, u tlieta, applikazzjoni tal-forza
- Anness 4 – Proċeduri tat-testijiet tal-inerzja
- Anness 5 – Proċedura tat-testijiet fuq iċ-ċpiepet
- Anness 6 – Bieba tal-ġenb li tiżżerżaq

1. **AMBITU**

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji M1 u N1 <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-lukketti u l-komponenti li jżommu l-bibien bħalma huma ċ-ċpiepet u mezzi oħrajn ta' sostenn fuq il-bibien, li jistgħu jintużaw għad-dħul jew il-ħruġ tal-okkupanti.
2. **DEFINIZZJONIJIET**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

  - 2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti li jżommu l-bibien.
  - 2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi bil-mutur li ma jvarjawx f'aspetti essenzjali bħalma huma:
    - 2.2.1. in-nominazzjoni tat-tip ta' vettura mill-manifattur;
    - 2.2.2. it-tip ta' lukkett;
    - 2.2.3. it-tip ta' komponent għaż-żamma tal-bieba;
    - 2.2.4. il-mod li bih il-lukketti u l-komponenti li jżommu l-bibien ikunu mwaħħlin ma' u miżmumin mill-istruttura tal-vettura;
    - 2.2.5. it-tip ta' bibien li jiżżerżqu.
  - 2.3. "Lukkett awżiljarju ta' bieba" huwa lukkett mgħammar b'pożizzjoni maqfula għal kollox bi jew mingħajr pożizzjoni sekondarja tal-lukkett, u mwaħħal ma' bieba jew ma' sistema ta' bieba mgħammra b'sistema primarja ta' lukkett tal-bieba.
  - 2.4. "Sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba" tikkonsisti, bħala minimu, minn lukkett awżiljarju ta' bieba u striker.
  - 2.5. "Bieba ta' wara" hija bieba jew sistema ta' bieba fuq wara nett ta' vettura bil-mutur li permezz tagħha l-passiġġieri jistgħu jidħlu jew joħorġu mill-vettura jew li minnha tista' titgħabba jew tinħatt il-merkanzija. Hija ma tinkludix:
    - (a) għatu tal-bagoll; jew
    - (b) bieba jew tieqa magħmula kompletament minn materjal tal-ħġieġ u li l-lukketti u/jew is-sistemi taċ-ċpiepet tagħha jkunu mwaħħlin direttament mal-materjal tal-ħġieġ.
  - 2.6. "Membru tal-bodi" hija dik il-parti taċ-ċappetta li normalment tkun imwaħħla mal-istruttura tal-bodi tal-vettura.
  - 2.7. "Sistema ta' Serratura tas-Sigurtà għat-Tfal" huwa strument tal-ghelug li jista' jiġi azzjonat u merħi indipendentement mill-istrumenti ta' għelug l-oħrajn u li, meta jintuża, jimpedixxi t-tħaddim tal-pum intern tal-bieba jew strument ieħor ta' rilaxx. L-istrument għar-rilaxx/attivatar tas-serratura jista' jkun manwali jew inkella jaħdem bl-elettriku u jista' jkun fi kwalunkwe post fuq jew ġewwa l-vettura.
  - 2.8. "Bibien" ifisser bibien biċ-ċpiepet jew bibien jiżżerżqu li jwasslu direttament f'kompartiment li jkun fih pożizzjoni waħda jew aktar fejn tpoġġi bilqiegħda u li ma jkunux bibien li jintwew, bibien li jirromblaw 'l fuq u bibien li jkunu mfasslin sabiex jitwawhlu jew jitnehew faċilment minn vetturi bil-mutur immanifatturati għal tħaddim mingħajr bibien.
  - 2.9. "Sistema ta' twissija għall-ghelug tal-bibien" hija sistema li tattiva sinjal viżiv ippożizzjonat fejn jista' jidher b'mod ċar mis-sewwieq meta sistema ta' lukkett tal-bieba ma tkunx fil-pożizzjoni maqfula għal kollox u waqt l-istartjar tal-vettura.
  - 2.10. "Sistema ta' Ċpiepet tal-Bieba" hija ċappetta waħda jew aktar użata sabiex iżżomm bieba.
  - 2.11. "Sistema ta' lukkett tal-bieba" hija magħmula bħala minimu, minn lukkett u striker.
  - 2.12. "Membru tal-bieba" hija dik il-parti taċ-ċappetta li normalment tkun imwaħħla mal-istruttura tal-bieba u li tikkostitwixxi l-membru li jinfetaħ u jingħalaq.

<sup>(1)</sup> Kif definit fl-Anness 7 mar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-vetturi (R.E.3), dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emend.2, kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4.

- 2.13. "Sistema tal-bieba" hija l-bieba, il-lukkett, l-istriker, iċ-ċpiepet, il-kombinazzjonijiet tal-kanal li fuqu tiżżerżaq il-bieba (sliding track) u komponenti oħrajn għaż-żamma tal-bibien li jkunu hemm fuq bieba u l-qafas tal-bieba ta' madwarha. Is-sistema tal-bieba ta' bieba doppja tinkludi liż-żewġ bibien.
- 2.14. "Bieba doppja" hija sistema ta' żewġ bibien fejn il-bieba ta' quddiem jew bieba li togħla 'l fuq (wing door) tinfetaħ l-ewwel u din taqbad mal-bieba ta' wara jew mal-bieba mwaħħla, li tinfetaħ it-tieni.
- 2.15. "Fork-bolt" hija l-parti tal-lukkett li tħaddem u żżomm l-istriker meta jkun fil-pożizzjoni magħluqa.
- 2.16. "Direzzjoni tal-ftuħ tal-Fork-bolt" hija d-direzzjoni opposta għal dik li fiha l-istriker jidħol fil-lukkett biex iħaddem il-Fork-bolt.
- 2.17. "Pożizzjoni magħluqa għal kollox" hija l-kundizzjoni ta' gganċjar tal-lukkett li żżomm il-bieba f'pożizzjoni magħluqa għal kollox.
- 2.18. "Ċappetta" hija strument użat sabiex jippożizzjona l-bieba b'mod relattiv mal-istruttura tal-bodi tal-vettura u jikkontrolla l-mogħdija tat-tbandila tal-bieba għad-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri.
- 2.19. "Pern taċ-ċappetta" huwa dak il-porzjon taċ-ċappetta li normalment iqabba ma' xulxin il-bodi tal-vettura u l-membri tal-bieba u jstabbilixxi l-assi tat-tbandila.
- 2.20. "Lukkett" huwa strument użat sabiex iżomm il-bieba f'pożizzjoni magħluqa relattiv mal-bodi tal-vettura bi provvedimenti għal rilaxx (jew tħaddim) intenzjonali.
- 2.21. "Lukkett primarju tal-bieba" huwa lukkett mgħammar kemm b'pożizzjoni maqfula għal kollox kif ukoll b'pożizzjoni maqfula b'mod sekondarju u nnominat bħala "lukkett primarju tal-bieba" mill-manifattur. Il-manifattur ma jistax wara jibdel dik in-nominazzjoni. Kull manifattur għandu, meta jkun mitlub, jipprovdi informazzjoni dwar liema lukketti jkunu "lukketti primarji tal-bieba" għal vettura jew għamla/mudell partikolari.
- 2.22. "Sistema ta' lukkett primarju tal-bieba" hija magħmula, bħala minimu, minn lukkett primarju tal-bieba u striker.
- 2.23. "Pożizzjoni magħluqa sekondarja" tirreferi għall-kundizzjoni ta' gganċjar tal-lukkett li jżomm il-bieba f'pożizzjoni magħluqa parzjalment.
- 2.24. "Bieba laterali ta' quddiem" hija bieba li, f'dehra mill-ġenb, ikollha 50 fil-mija jew aktar tal-arja tal-ftuħ tagħha 'l quddiem mill-punt l-aktar lura fuq id-dahar tas-siġġu tas-sewwieq, meta d-dahar tas-siġġu jkun aġġustat fl-iżjed pożizzjoni vertikali u lura, li tipprovdi aċċess dirett għall-passiġġieri sabiex jidħlu jew joħorġu mill-vettura.
- 2.25. "Bieba laterali ta' wara" hija bieba li, f'dehra mill-ġenb, ikollha 50 fil-mija jew aktar tal-arja tal-ftuħ tagħha fuq wara tal-iżjed punt lura fuq id-dahar tas-siġġu tas-sewwieq, meta s-siġġu tas-sewwieq ikun aġġustat fl-iżjed pożizzjoni vertikali u lura tiegħu, li tipprovdi aċċess dirett għall-passiġġieri sabiex jidħlu jew joħorġu mill-vettura.
- 2.26. "Striker" huwa strument li jiġi azzjonat mil-lukkett sabiex iżomm il-bieba fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox jew fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja.
- 2.27. "Għatu tal-bagoll" huwa panew jiċċaqlaq tal-bodi tal-vettura li jipprovdi aċċess minn barra l-vettura għal spazju separat għal kollox mill-kompartiment tal-okkupant permezz ta' separatur imwaħħal b'mod permanenti jew dahar tas-siġġu fiss jew li jintlewa.
3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti li jżommu l-bibien għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu.
- 3.2. Hija għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u l-informazzjoni segwenti:

- 3.2.1. tpingjiet tal-bibien u tal-lukketti u l-komponenti tagħhom għaż-żamma tal-bibien fuq skala xierqa u f'dettall suffiċjenti;
- 3.2.2. deskrizzjoni teknika tal-lukketti u tal-komponenti li jżommu l-bibien.
- 3.3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata wkoll minn:
- 3.3.1. Lott ta' ħames settijiet ta' komponenti ta' żamma għal kull bieba. Madankollu, meta jintużaw l-istess settijiet għal diversi bibien, ikun biżżejjed li jiġi ppreżentat lott wieħed ta' settijiet. Settijiet ta' komponenti għaż-żamma tal-bibien li jistgħu jintgħarfu minn xulxin biss minħabba li jkunu ddisinjati sabiex jitwählhu fuq ix-xellug jew fuq il-lemin mhumiex ikkunsidrati bħala differenti;
- 3.3.2. Lott ta' ħames lukketti sħaħ, inkluż il-mekkaniżmu ta' attwazzjoni, għal kull bieba. Madankollu, meta jintużaw l-istess lukketti sħaħ għal diversi bibien, ikun biżżejjed li jiġi ppreżentat lott wieħed ta' lukketti. Lukketti li jistgħu jintgħarfu minn xulxin biss minħabba li jkunu mfassla sabiex jitwählhu fuq ix-xellug jew fuq il-lemin mhumiex ikkunsidrati bħala differenti.
- 3.4. Vettura, rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandu jiġi approvat, għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.
4. L-APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk it-tip ta' vettura ppreżentat għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5, 6, u 7, hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' vettura.
- 4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri (03) għandhom jindikaw is-serje tal-emendi li tinkorpora l-aħħar emendi tekniċi importanti li jkunu saru fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lill-istess tip ta' vettura jew għax il-bibien ma jkunux mgħammra b'lukketti jew b'komponenti għaż-żamma tal-bibien tal-istess tip, jew jekk il-lukketti u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien ma jkunux imwählhin bl-istess mod bħal fuq il-vettura ppreżentata għall-approvazzjoni; mill-banda l-oħra, hija tista' tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura li l-bibien tagħha jkunu mgħammra bl-istess lukketti u komponenti għaż-żamma ta-bibien imwählhin bl-istess mod bħal fuq il-vettura ppreżentata għall-approvazzjoni.
- 4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ma' dan ir-Regolament.
- 4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, għandu jkun hemm imwählhal, fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment li jkun speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti minn:
- 4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jidentifika l-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni;<sup>(1)</sup>
- 4.4.2. in-numru tar-Regolament, segwit mill-ittra "R", daxx u n-numru tal-approvazzjoni u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku deskritt fil-paragrafu 4.4.1.

(<sup>1</sup>) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvizzeri, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Bjelorusja, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnja-Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għal Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (l-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha billi jużaw is-simbolu tal-ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vakanti), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għan-New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malasja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (vakanti) u 56 għall-Montenegro. In-numri suċċessivi għandhom jiġu assenjati lill-pajjiżi l-oħrajn f'ordni kronoloġika li biha jirratifikaw jew jaderixxu mal-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għal Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu Jitwählhu u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

- 4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata, taħt wieħed jew aktar mir-Regolamenti meħmuża ma' dan il-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 m'hemmx għalfejn li jiġi ripetut; f'każ bħal dan, ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha skont liema tkun ingħatat l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitpoġġew f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titpoġġa qrib jew fuq il-pjanċa bl-informazzjoni dwar il-vettura.
- 4.8. Anness 2 ma' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.
5. REKWIŻITI ĠENERALI
- 5.1. Ir-rekwiżiti japplikaw għall-bibien kollha tal-ġenb u ta' wara u l-komponenti tal-bibien ħlief dawk fuq il-bibien li jintlewew, il-bibien li jirromblaw 'l fuq, il-bibien li jinqalgħu, u l-bibien li huma mfasslin sabiex jipprovdu ħruġ tal-emerġenza.
- 5.2. Il-Lukketti tal-Bibien
- 5.2.1. Kull sistema ta' bibien biċ-ċpiepet għandha tkun mgħammra b'tal-inqas sistema waħda ta' lukkett primarju tal-bieba.
- 5.2.2. Kull sistema ta' bieba li tiżżerżaq għandha tkun mgħammra:
- (a) b'sistema ta' lukkett primarju tal-bieba, jew
- (b) b'sistema ta' lukkett tal-bieba b'pożizzjoni magħluqa għal kollox u sistema ta' twissija għall-ghelug tal-bieba.
6. REKWIŻITI TAL-PRESTAZZJONI
- 6.1. Bibien biċ-ċpiepet
- 6.1.1. Test tat-Tagħbija Numru Wieħed
- 6.1.1.1. Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba u sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, m'għandhiex tinqala' meta tiġi appllikata tagħbija ta' 11 000 N fid-direzzjoni perpendikulari mal-wiċċ tal-lukkett b'mod li l-lukkett u l-ankraġġ tal-istriker ma jingħafsux ma' xulxin, meta ttestjati skont il-paragrafu 7.1.1.1.
- 6.1.1.2. Fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja, is-sistema tal-lukkett primarju ma għandhiex tinqala' meta tiġi appllikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess paragrafu bħal fil-paragrafu 6.1.1.1., meta ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.
- 6.1.2. Test tat-Tagħbija Numru Tnejn
- 6.1.2.1. Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba u sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, ma għandhiex tinqala' meta tiġi appllikata tagħbija ta' 9 000 N fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-fork-bolt u b'mod parallel mal-wiċċ tal-lukkett, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.
- 6.1.2.2. Fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja, is-sistema tal-lukkett primarju ma għandhiex tinqala' meta tiġi appllikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni, bħal fil-paragrafu 6.1.2.1., meta ttestjata skont il-paragrafu 7.1.1.1.
- 6.1.3. Test tat-Tagħbija Numru Tlieta (appllikabbi għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)
- 6.1.3.1. Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba ma għandhiex tinħall mill-pożizzjoni magħluqa għal kollox meta tiġi appllikata tagħbija vertikali ta' 9 000 N fid-direzzjoni tal-assi tal-pern taċ-ċappetta.

- 6.1.4. It-Tagħbija tal-Inerzja.
- Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba u sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1.4.1. jew tal-paragrafu 6.1.4.2. jew il-kalkolu tar-rekwiżiti tar-reżistenza għat-tagħbija tal-inerzja fil-paragrafu 6.1.4.3.
- 6.1.4.1. Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba u sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba fuq kull bieba biċ-ċpiepet ma għandhiex tinħall mill-pożizzjoni magħluqa għal kollox meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema ta' lukketti tal-bibien, inkluż il-lukkett u l-istrument tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjonijiet paralleli mal-assi lonġitudinali u trasversali tal-vettura bl-istrument tal-għeluq mhux marbut u meta muri skont il-paragrafu 7.1.1.2.
- 6.1.4.2. Kull sistema ta' lukkett primarju tal-bieba u sistema ta' lukkett awżiljarju tal-bieba fuq kull bieba ta' wara biċ-ċpiepet m'għandhiex, apparti dan tinħall mill-pożizzjoni magħluqa għal kollox meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema ta' lukkett tal-bieba, inkluż il-lukkett u l-istrument tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjoni parallela mal-assi vertikali tal-vettura, bl-istrument tal-għeluq mhux marbut u meta muri skont il-paragrafu 7.1.1.2.
- 6.1.4.3. Kull komponent jew subassemblaġġ jista' jiġi kkalkulat għar-reżistenza minima tiegħu għat-tagħbija tal-inerzja f'direzzjoni partikolari. Ir-reżistenza kombinata għall-operazzjoni ta' f'tuh trid tassigura li s-sistema ta' lukkett tal-bieb, meta tkun assemblata sewwa fil-bieba tal-vettura, tkun sejra tibqa' magħluqa meta soġġetta għal tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fid-direzzjonijiet tal-vettura speċifikati fil-paragrafu 6.1.4.1. u 6.1.4.2, kif applikabbli, skont il-paragrafu 7.1.1.2.
- 6.1.5. Iċ-Ċpiepet tal-Bibien
- 6.1.5.1. Kull sistema ta' ċpiepet tal-bieba għandha:
- (a) iżżomm il-bieba;
  - (b) ma tinkisirx meta tiġi applikata tagħbija lonġitudinali ta' 11 000 N;
  - (c) ma tinkisirx meta tiġi applikata tagħbija trasversali ta' 9 000 N; u
  - (d) Fuq bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, ma tinkisirx meta tiġi applikata tagħbija vertikali ta' 9 000 N.
- 6.1.5.2. It-testijiet kollha meħtieġa mill-paragrafu 6.1.5.1. huma mwettqa skont il-paragrafu 7.1.2.
- 6.1.5.3. Jekk tiġi ċċekkjata ċappetta waħda fi ħdan is-sistema ta' ċappetta minflok is-sistema taċ-ċappetta sħiħa, iċ-ċappetta trid iġġorr tagħbija proporzjonali man-numru totali ta' ċpiepet fis-sistema taċ-ċpiepet.
- 6.1.5.4. Fuq bibien tal-ġenb bi ċpiepet immuntati fuq wara li jistgħu jitħaddmu b'mod indipendenti mill-bibien l-oħra,
- (a) il-pum intern tal-bieba ma għandux ikun operattiv meta l-veloċità tal-vettura tkun akbar minn jew ugwali għal 4 km/siegħa, u
  - (b) għandha tkun ipprovduta sistema ta' twissija għall-għeluq tal-bieba għal dawn il-bibien.
- 6.2. Bibien tal-Ġenb li Jizzerrzqu
- 6.2.1. Test tat-Tagħbija Numru Wieħed
- 6.2.1.1. Tal-inqas sistema waħda ta' lukkett tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 11 000 N fid-direzzjoni perpendikulari mal-wiċċ tal-lukkett, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.



- 6.2.1.2. Fil-każ ta' sistema ta' lukkett primarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja, il-lukkett tal-bieba m'għandux jissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni bħal fil-paragrafu 6.2.1.1., meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.
- 6.2.2. Test tat-Tagħbija Numru Tnejn
- 6.2.2.1. Tal-inqas sistema waħda ta' lukkett tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, ma għandhiex tissepara meta tiġi applikata tagħbija ta' 9 000 N fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-fork-bolt u parallela mal-wiċċ tal-lukkett meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.
- 6.2.2.2. Fil-każ ta' sistema ta' lukkett primarju tal-bieba, meta tkun fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja, is-sistema tal-lukkett primarju ma għandhiex tinqala' meta tiġi applikata tagħbija ta' 4 500 N fl-istess direzzjoni bħall-paragrafu 6.2.2.1., meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.1.
- 6.2.3. Tagħbija tal-Inerzja
- Kull sistema ta' lukkett ta' bieba li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 6.2.1. u 6.2.2. għandha tissodisfa r-rekwiżiti dinamiċi jew tal-paragrafu 6.2.3.1. jew il-kalkolazzjoni tar-rekwiżiti tal-inerzja tal-paragrafu 6.2.3.2.
- 6.2.3.1. Is-sistema ta' lukkett ta' bieba ma għandhiex tinħall mill-pożizzjoni magħluqa għal kollox meta tiġi applikata tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fuq is-sistema ta' lukkett tal-bieba, inkluż il-lukkett u l-istrument tal-attivazzjoni tiegħu, fid-direzzjonijiet paralleli mal-assi lonġitudinali u vertikali tal-vettura bl-istrument tal-ghelug mhux marbut u meta ttestjata skont il-paragrafu 7.2.1.2.
- 6.2.3.2. Ir-reżistenza minima għat-tagħbija tal-inerzja tista' tiġi kkalkolata għal kull komponent jew subassemblaġġ. Ir-reżistenza kombinata tagħhom għall-operazzjoni ta' ftuħ trid tassigura li s-sistema ta' lukkett ta' bieba, meta tkun assemblata sewwa fil-bieba tal-vettura, tibqa' magħluqa meta tiġi soġġetta għal tagħbija ta' inerzja ta' 30 g fid-direzzjonijiet tal-vettura speċifikati fil-paragrafu 6.2.1. jew 6.2.2., kif applikabbli, skont il-paragrafu 7.2.1.2.
- 6.2.4. Is-Sistema tal-Bieba
- 6.2.4.1. Il-kombinazzjoni ta' kanal u żerżiq (track and slide) jew mezz oħrajn ta' sostenn għal kull bieba tiżżerżaq, waqt li tkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, m'għandhiex tinqala' minn mal-qafas tal-bieba meta tiġi applikata forza totali ta' 18 000 N tul l-assi trasversali tal-vettura mal-bieba skont il-paragrafu 7.2.2.
- 6.2.4.2. Il-bieba tiżżerżaq, meta tiġi ttestjata skont il-paragrafu 7.2.2., ma tgħaddix minn dan ir-rekwiżit jekk isseħħ xi waħda minn dawn li ġejjin:
- 6.2.4.2.1. Separazzjoni li tippermetti sfera b'dijametru ta' 100 mm tgħaddi mingħajr tfixkil mill-intern tal-vettura għall-estern tal-vettura, waqt li tinżamm il-forza meħtieġa.
- 6.2.4.2.2. Xi wieħed mill-istrumenti ta' applikazzjoni tal-forza jilħaq spostament totali ta' 300 mm.
- 6.3. Is-Serraturi tal-Bieba
- 6.3.1. Kull bieba għandha tkun mġhammra tal-inqas bi strument wieħed ta' ghelug li, meta jintuża, għandu jimpedixxi t-tħaddim tal-pum estern ta' bieba jew ta' kontroll ieħor tar-rilaxx estern tal-lukkett u li jkollu mezz ta' tħaddim u strument għar-rilaxx/attivator tal-lukkatt fuq ġewwa tal-vettura.
- 6.3.2. Il-bibien tal-ġenb ta' wara.
- Kull bieba tal-ġenb ta' wara għandha tkun mġhammra tal-inqas bi strument wieħed ta' ghelug li, meta jiġi attivat, jimpedixxi t-tħaddim tal-pum intern ta' bieba jew ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-lukkett u li jeħtieġ azzjonijiet separati sabiex tinftaħ il-bieba u jitħaddem il-pum intern tal-bieba jew ta' kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-lukkett.

- 6.3.2.1. L-istrument ta' għeluq jista' jkun:
- (a) Sistema ta' serratura li ma tinfetaħx mit-tfal, jew
  - (b) Strument għar-rilaxx/attivat tas-serratura li jinsab fuq ġewwa tal-vettura u li huwa aċċessibbli faċilment għas-sewwieq tal-vettura jew ta' okkupant bilqiegħda maġenb il-bieba.
- 6.3.2.2. Kwalunkwe sistema deskritta fil-paragrafu 6.3.2.1. (a) u (b) għandha tkun permessa bħala element addizzjonali ta' għeluq.
- 6.3.3. Il-bibien ta' wara
- Kull bieba ta' wara mġhammra b'pum intern ta' bieba jew kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-lukkett, għandha tkun mġhammra b'tal-inqas strument wieħed ta' għeluq li jinsab fuq ġewwa tal-vettura li, meta jiġi attivat, jimpedixxi t-tħaddim tal-pum intern ta' bieba jew kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-lukkett u li jeħtieġ azzjonijiet separati sabiex jinfetaħ il-bieb u jiħaddem il-pum intern ta' bieba jew kontroll intern ieħor għar-rilaxx tal-lukkett.
7. IL-PROCĊEDURI TAT-TESTIJJET
- 7.1. Il-Bibien biċ-Ċpiepet
- 7.1.1. Il-Lukketti tal-Bibien
- 7.1.1.1. Testijiet tat-Tagħbija Wieħed, Tnejn, u Tlieta, Applikazzjoni tal-Forza  
Il-konformità mal-paragrafi 6.1.1., 6.1.2. u 6.1.3. hija murija skont l-Anness 3.
- 7.1.1.2. L-Aplikazzjoni tal-Forza tal-Inerzja  
Il-konformità mal-paragrafu 6.1.4. hija murija skont l-Anness 4.
- 7.1.2. Iċ-Ċpiepet tal-Bibien  
Il-konformità mal-paragrafu 6.1.5. hija murija skont l-Anness 5.
- 7.2. Il-Bibien tal-Ġenb li Jizzerrżqu
- 7.2.1. Il-Lukketti tal-Bibien
- 7.2.1.1. Testijiet tat-Tagħbija Wieħed u Tnejn, Applikazzjoni tal-Forza  
Il-konformità mal-paragrafi 6.2.1. u 6.2.2. hija murija skont l-Anness 3.
- 7.2.1.2. L-Aplikazzjoni tal-Forza tal-Inerzja  
Il-konformità mal-paragrafu 6.2.3. hija murija skont l-Anness 4.
- 7.2.2. Is-Sistema tal-Bibien  
Il-konformità mal-paragrafu 6.2.4. hija murija skont l-Anness 6.
8. MODIFIKA U ESTENSIJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA
- 8.1. Kwalunkwe modifika fit-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' vettura. Imbagħad, id-dipartiment jista' jew:
- 8.1.1. jikkunsidra li l-modifiki magħmula mhumiex mistennija li jkollhom effett ħażin sinifikanti u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura tkun għadha tikkonforma mar-rekwiżiti; jew
- 8.1.2. jitlob rapport ta' test ieħor mingħand is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet.


- 8.1.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni mfassla għal tali estensjoni.
- 8.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li tspecifika l-modifiki, għandha tiġi kkomunikata bil-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.
9. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 9.1. Kull vettura li jkollha marka tal-approvazzjoni kif preskritt skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip ta' vettura approvat fir-rigward ta' elementi li kapaċi jimmodifikaw il-karatteristiċi tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien jew il-mod li bih ikunu mwaħħla.
- 9.2. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità kif preskritt fil-paragrafu 9.1. hawn fuq, għandhom isiru numru suffiċjenti ta' kontrolli każwali fuq vetturi manifatturati f'serje li jkollhom il-marka tal-approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.
- 9.3. Bħala regola ġenerali, il-kontrolli msemmija aktar 'il fuq għandhom ikunu limitati għat-teħid ta' kejljiet. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, il-lukketti u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet imsemmija fil-paragrafi 5.2. u 5.3 hawn fuq, magħżula mis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.
10. PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 10.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 9.1 hawn fuq ma jiġux rispettati, jew jekk l-imsemmija lukketti u komponenti għaż-żamma tal-bibien ma jgħaddux mit-testijiet previsti fil-paragrafu 9.2. hawn fuq.
- 10.2. Jekk xi Parti għall-Ftehim li tkun qiegħda tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, hija għandha tinforma immedjatement b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fit-tarf tagħha jkollha, b'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata "APPROVAZZJONI RTIRATA".
11. TWAQQIF GĦAL KOLLOX TAL-PRODUZZJONI
- Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf kompletament il-manifattura ta' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Wara li tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħrajn li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fit-tarf tagħha jkollha, b'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata: "PRODUZZJONI MWAQQFA".
12. ISMIJET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI GĦAT-TWETTIQ TAT-TESTIJET TAL-APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom iridu jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa fpajjiżi oħrajn.
13. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI
- 13.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tkun qiegħda tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.
- 13.2. Sat-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu approvazzjonijiet lil daww it-tipi ta' vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi preċedenti.

- 13.3. Mit-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura għall-approvazzjoni jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.
  - 13.4. L-ebda Parti Kontraenti li tkun qiegħda tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta l-approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' tip ta' vettura approvat skont is-serje 03 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
  - 13.5. Sat-12 ta' Awwissu 2012, l-ebda Parti Kontraenti li tkun qiegħda tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta l-approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' tip ta' vettura approvat skont is-serje ta' emendi preċedenti għal dan ir-Regolament.
  - 13.6. Mit-12 ta' Awwissu 2012, il-Partijiet Kontraenti li jkunu qegħdin japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw l-ewwel reġistrazzjoni nazzjonali jew reġjonali (l-ewwel dħul fis-servizz) ta' vettura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje 03 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
  - 13.7. Mit-12 ta' Awwissu 2012, l-approvazzjonijiet skont dan ir-Regolament m'għandhomx jibqgħu validi, ħlief fil-każ ta' tipi ta' vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.
-

## ANNEX 1

## KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



Isem tal-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

Komunikazzjoni rigward <sup>(2)</sup>:

- l-approvazzjoni
- iċ-ċaħda tal-approvazzjoni
- l-estensjoni tal-approvazzjoni
- l-approvazzjoni rtirata
- it-twaqqif għal kollioz tal-produzzjoni

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien skont ir-Regolament Nru 11

Nru tal-Approvazzjoni .....

1. L-isem kummerċjali jew il-marka tal-vettura bil-mutur .....
2. It-tip ta' vettura .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....
4. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli).
5. Vettura sottomessa għall-approvazzjoni nhar .....
6. Servizz tekniku responsabbli għat-twertiq ta' testijiet tal-approvazzjoni
7. Data tar-rapport tat-test: .....
8. Numru tar-rapport tat-test .....
9. Rimarki:
  - it-tip ta' vettura bin-numru ta' bibien
  - (sedan 2 bibien, 4 bibien - station wagon 4 bibien .....
10. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni: .....
11. Raġuni(jiet) tal-estensjoni (jekk applikabbli): .....
12. Approvazzjoni mogħtija/miċħuda/estiża/irtirata <sup>(2)</sup>
13. Post .....
14. Data .....
15. Firma .....
16. Il-lista tad-dokumenti ddepożitati mas-servizz amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija mehmuża ma' din il-komunikazzjoni u hija disponibbli meta mitluba.


<sup>(1)</sup> Numru li jidentifika l-pajjiż li jkun ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni.<sup>(2)</sup> Ingassa dak li ma japplikax.

## ANNEX 2

## ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

## MUDELL A

(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwahnha ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti għaż-żamma tal-bibien, ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) skont ir-Regolament Nru 11, taħt in-numru tal-approvazzjoni 032439. L-ewwel żewġ figuri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 11 kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.

## MUDELL B

(Ara l-paragrafu 4.5. ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min.

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq, imwahnha ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 11 kif emendat mis-serje 03 ta' emendi u r-Regolament Nru 39, kif emendat mis-serje tal-emendi 04 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> It-tieni numru qiegħed jingħata bhala eżempju.

## ANNEX 3

**TEST TAL-LUKKETT GĦAT-TESTIJET TAT-TAGHBIIJA WIEĦED, TNEJN, U TLIETA, APPLIKAZZJONI TAL-FORZA**

## 1. GĦAN

Dawn it-testijiet huma intenzjonati sabiex jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u l-proċeduri tat-testijiet għall-evalwazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi ta' lukketti tal-bibien tal-vetturi għall-ħila tagħhom li jirreżistu tagħbijiet ta' forza f'direzzjonijiet perpendikulari mal-wiċċ tal-lukkett u paralleli mal-wiċċ tal-lukkett fid-direzzjoni ta' ftuħ tal-fork-bolt. Għall-bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, it-testijiet huma intenzjonati sabiex jistabbilixxu wkoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u proċedura ta' ttestjar għall-evalwazzjoni tas-sistema tal-lukkett primarju f'direzzjoni ortogonali mal-ewwel żewġ direzzjonijiet. Is-sistemi tal-lukkett primarju tal-bieba jridu juru l-ħila li jirreżistu t-tagħbijiet ta' forzi li jiġu applikati kemm fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox kif ukoll fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja; is-sistemi ta' lukkett awżiljarju tal-bieba, u sistemi oħrajn ta' lukkett tal-bieba li jkollhom biss pożizzjoni magħluqa għal kollox, iridu juru l-ħila li jirreżistu tagħbijiet ta' forza f'direzzjonijiet perpendikulari mal-wiċċ tal-lukkett u paralleli mal-wiċċ tal-lukkett fid-direzzjoni ta' ftuħ tal-fork-bolt fil-livelli speċifikati għall-pożizzjoni magħluqa għal kollox.

## 2. L-OPERAT TAT-TEST

## 2.1. Test tat-Tagħbija Numru Wieħed

2.1.1. Tagħmir: Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-1).

## 2.1.2. Proċeduri

## 2.1.2.1. Pożizzjoni Magħluqa għal Kollox

2.1.2.1.1. Qabbad l-apparat tat-test mad-dispożizzjonijiet tal-immuntar tal-lukkett u l-istriker. Allinja fid-direzzjoni tal-qfil b'mod parallell mat-tqabbid tal-apparat. Waħħal l-apparat tat-test bil-lukkett u l-istriker fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox fil-magna tat-test.

2.1.2.1.2. Qiegħed il-piżijiet biex tapplika tagħbija ta' 900 N li għandha tendenza li tissepara l-lukkett u l-istriker fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-bieba.

2.1.2.1.3. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.1. ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima miksuba.

## 2.1.2.2. Pożizzjoni Magħluqa Sekondarja

2.1.2.2.1. Qabbad l-apparat tat-test mal-provviżjonijiet tal-immuntar tal-lukkett u l-istriker. Allinja d-direzzjoni tal-qfil b'mod parallell mat-tqabbid tal-apparat tat-test. Immonta l-apparat tat-test bil-lukkett u l-istriker fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja fil-magna tat-test.

2.1.2.2.2. Qiegħed il-piżijiet biex tapplika tagħbija ta' 900 N li għandha tendenza li tissepara l-lukkett u l-istriker fid-direzzjoni tal-ftuħ tal-bieba.

2.1.2.2.3. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.1. ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima miksuba.

2.1.2.2.4. Il-panċa tat-test li fuqha jkun immuntat il-lukkett tal-bieba jkollha konfigurazzjoni tal-forma tal-istriker simili għall-ambjent li fih ikun sejjer jiġi mmuntat il-lukkett tal-bieba fuq bibien ta' vetturi normali.

## 2.2. Tagħbija tat-Test Numru Tnejn

2.2.1. Tagħmir: Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-2).

## 2.2.2. Proċeduri

## 2.2.2.1. Pożizzjoni Magħluqa għal Kollox

2.2.2.1.1. Qabbad l-apparat tat-test mal-provviżjonijiet tal-immuntar tal-lukkett u l-istriker. Immonta l-apparat tat-test bil-lukkett u l-istriker fil-pożizzjoni maqfula għal kollox fil-magna tat-test.

2.2.2.1.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.2. ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima miksuba.

- 2.2.2.2. Pożizzjoni Maqfula Sekondarja
- 2.2.2.2.1. Qabbad l-apparat tat-test mal-provviżjonijiet tal-immuntar tal-lukkett u l-istriker. Immonta l-apparat tat-test bil-lukkett u l-istriker fil-pożizzjoni magħluqa sekondarja fil-magna tat-test.
- 2.2.2.2.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.2. ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima miksuba.
- 2.3. Test tat-Tagħbija Numru Tlieta (Għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)
- 2.3.1. Tagħmir: Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni (ara l-Figura 3-3).
- 2.3.2. Proċedura
- 2.3.2.1. Qabbad l-apparat tat-test mal-provviżjonijiet tal-immuntar tal-lukkett u l-istriker. Immonta l-apparat tat-test bil-lukkett u l-istriker fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox fil-magna tat-test.
- 2.3.2.2. Applika t-tagħbija tat-test fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 6.1.3. ta' dan ir-Regolament u l-Figura 3-4, b'rata li ma taqbiżx il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Irreġistra t-tagħbija massima miksuba.

Figura 3-1

## Lukkett tal-Bieba — Apparat għall-Ittestjar tat-Tensjoni għat-Test tat-Tagħbija Numru Wieħed






Figura 3-2

Lukkett tal-Bieba — Apparat għall-Ittestjar tat-Tensjoni għat-Test tat-Tagħbija Numru Tnejn




Figura 3-3

Lukkett tal-Bieba — Apparat għall-Ittestjar tat-Tensjoni għat-Test tat-Tagħbija Numru Tlieta (Għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali)





Figura 3-4

Direzzjonijiet tat-Test tat-Tagħbija Statika tal-Bieba



## ANNEX 4

## PROĊEDURI TAT-TESTIJET TAL-ENERZJA

1. GĦAN

Sabiex tiġi stabbilita l-ħila tas-sistema ta' lukketti tal-vettura li tirreżisti t-tagħbija tal-enerzja permezz ta' analiżi matematika tal-partijiet komponenti fir-relazzjoni vera tagħhom mal-karozza jew permezz ta' evalwazzjoni bl-użu ta' test dinamiku.
2. PROĊEDURI TAT-TEST
  - 2.1. Opzjoni 1, Kalkolazzjoni.
    - 2.1.1. Il-proċedura deskritta f'dan l-anness tipprovdi mezz għall-istabiliment analitiku tal-ħila ta' sistema ta' lukketti tal-bieba li tirreżisti għat-tagħbija tal-enerzja. Il-forzi tal-molol huma l-medja tal-output minimu tal-molol fil-pożizzjoni installata u l-output minimu tal-molol fil-pożizzjoni ta' rilaxx. L-effetti tal-frizzjoni u x-xogħol li jrid isir mhumiex ikkunsidrati fil-kalkolazzjonijiet. Il-ġibda tal-gravità fuq il-komponenti tista' titħalla barra wkoll jekk hija jkollha tendenza li tillimita l-ftuħ tal-lukkett. Dawn l-ommissjonijiet mill-kalkoli huma permissibbli minħabba li huma jipprovdu fatturi addizzjonali tas-sigurtà.
    - 2.1.2. Konsiderazzjoni tal-Kalkolazzjonijiet - Kull komponent jew subassemblaġġ jista' jiġi kkalkulat għar-reżistenza minima tiegħu għat-tagħbija tal-enerzja f'direzzjoni partikolari. Ir-reżistenza kkombinata tagħhom għall-operazzjoni ta' ftuħ trid tassigura li s-sistema ta' lukketti tal-bieba (meta tkun assemblata sewwa fil-bieba tal-vettura) tibqa' magħluqa meta soġġetta għal tagħbija tal-enerzja ta' 30 g fi kwalunkwe direzzjoni. Figura 4-1 hija eżempju tal-komponenti u l-kombinazzjonijiet tal-komponenti li jridu jiġu kkunsidrati.
  - 2.2. Opzjoni 2, Test Dinamiku tal-Vettura Sħiħa
    - 2.2.1. Tagħmir tat-Test
      - 2.2.1.1. Strument tal-aċċelerazzjoni (jew deċellerazzjoni).
        - 2.2.1.2. Waħda mill-vetturi li ġejjin:
          - 2.2.1.2.1. Vettura sħiħa li tinkludi mill-inqas il-bieba/bibien, il-lukkett(i) tal-bieba, il-pum(i) esterni tal-bieba b'operazzjoni ta' lukkett mekkaniku, il-liver(s) intern(i) għall-ftuħ tal-bieba, l-istrument(i) tal-għeluq, ix-xifer intern u s-siġill tal-bieba.
          - 2.2.1.2.2. Bodi abjad ta' vettura (jiġifieri l-qafas tal-vettura, bibien u komponenti oħrajn għaż-żamma tal-bibien) li jinkludi tal-inqas il-bieba/bibien, il-lukkett(i) tal-bieba, il-pum(i) estern tal-bieba b'operazzjoni ta' lukkett mekkaniku, il-liver(s) interni għall-ftuħ tal-bieba, u l-istrument(i) tal-għeluq.
        - 2.2.1.3. Apparat jew mezz biex jiġi rreġistrat il-ftuħ tal-bibien.
        - 2.2.1.4. Tagħmir biex ikejjel u jirreġistra l-aċċelerazzjonijiet.
      - 2.2.2. Arranġament tat-Test
        - 2.2.2.1. Aqfel il-vettura sħiħa jew il-bodi abjad tal-vettura b'mod riġidu ma' strument li meta jiġu aċċelerati flimkien jassigura li l-punti kollha fuq il-crash pulse curve ikunu fil-kuritur definit fit-Tabella 4-1 u l-Figura 4-2.
        - 2.2.2.2. Il-bibien jistgħu jintrabtu sabiex jiġi evitat li ssir ħsara fit-tagħmir użat sabiex jiġi rreġistrat il-ftuħ tal-bieba.
        - 2.2.2.3. Installa t-tagħmir użat sabiex jiġi rreġistrat il-ftuħ tal-bieba.
        - 2.2.2.4. Agħlaq il-bieba/bibien li jridu jiġu ttestjati u assigura li l-lukkett(i) tal-bibien ikunu fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, li l-bieba/bibien ma jkunux magħluqin, u li t-twieqi kollha, jekk ipprovduti, ikunu magħluqin.
    - 2.2.3. Direzzjonijiet tat-Test (ara l-Figura 4-3)
      - 2.2.3.1. Arranġament Lonġitudinali 1. Orjenta l-vettura jew il-bodi abjad sabiex l-ass lonġitudinali tiegħu jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċelerazzjoni, sabiex tissimula impatt frontali.

- 2.2.3.2. Arranġament Lonġitudinali 2. Orjenta l-vettura jew il-bodi abjad b'mod li l-ass lonġitudinali tiegħu jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċellerazzjoni, sabiex tissimula impatt minn wara.
- 2.2.3.3. Arranġament Trasversali 1. Orjenta l-vettura jew il-bodi abjad b'mod li l-ass trasversali tiegħu jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċellerazzjoni, sabiex tissimula impatt min-naħa tas-sewwieq.
- 2.2.3.4. Arranġament Trasversali 2 (Għal vetturi biss li jkollhom arranġamenti tal-bibien differenti fuq kull naħa). Orjenta l-vettura jew il-bodi abjad b'mod li l-ass trasversali jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċellerazzjoni sabiex tissimula impatt laterali fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.2.3.3. ta' dan l-anness.
- 2.3. Opzjoni 3, Test Dinamiku tal-Bibien
- 2.3.1. Tagħmir tat-Test
- L-assemblaġġ(i) tal-bibien li jinkludi, tal-inqas, il-lukkett(i) tal-bibien, il-pum(i) esterni tal-bibien b'operazzjoni mekkanika tal-lukkett, il-liver(s) interni għall-ftuħ tal-bibien, u l-istrument(i) tal-għeluq.
- 2.3.1.2. Apparat tat-test biex jiġi mmuntat fuq il-bieba/bibien.
- 2.3.1.3. Strument tal-aċċellerazzjoni (jew deċellerazzjoni).
- 2.3.1.4. Katina
- 2.3.1.5. Strument jew mezz li jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.
- 2.3.1.6. Tagħmir biex jitkejlu u jiġu reġistrati l-aċċellerazzjonijiet.
- 2.3.2. Arranġament tat-Test
- 2.3.2.1. Immonta l-assemblaġġi tal-bibien jew separatament jew kombinati mal-apparat tat-test. Kull bieba u striker għandhom ikunu mmuntati sabiex jikkorrispondu mal-orjentazzjoni tagħhom fuq il-vettura u mad-direzzjoni meħtieġa għat-testijiet tat-tagħbija tal-inerzja (paragrafu 2.3.3. ta' dan l-anness).
- 2.3.2.2. Immonta l-apparat tat-test mal-istrument tal-aċċellerazzjoni.
- 2.3.2.3. Installa t-tagħmir użat biex jirreġistra l-ftuħ tal-bibien.
- 2.3.2.4. Assigura li l-lukkett tal-bieba jkun fil-pożizzjoni magħluqa għal kollox, li l-bieba tkun marbuta, mhux imsakkra u li t-tieqa, jekk ipprovduta, tkun magħluqa.
- 2.3.3. Direzzjonijiet tat-Test (ara l-Figura 4-3)
- 2.3.3.1. Arranġament Lonġitudinali 1. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt frontali.
- 2.3.3.2. Arranġament Lonġitudinali 2. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt fuq wara.
- 2.3.3.3. Arranġament Trasversali 1. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni ta' impatt fuq in-naħa tas-sewwieq.
- 2.3.3.4. Arranġament Trasversali 2. Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.3.3.3. ta' dan l-anness.
- 2.3.3.5. Arranġament Vertikali 1. (Applikabbli għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali). Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni sabiex l-ass vertikali tagħha (meta mmuntata ġewwa vettura) jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċellerazzjoni, sabiex tissimula impatt ta' qlib fejn il-forza tiġi applikata fid-direzzjoni minn fuq għal isfel tal-bieba (meta mmuntata ġewwa vettura).

- 2.3.3.6. Arranġament Vertikali 2. (Applikabbli għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali). Orjenta s-subsistema/i tal-bieba fuq l-istrument tal-aċċellerazzjoni sabiex l-ass vertikali tagħha (meta mmuntata ġewwa vettura) jkun allinjat mal-ass tal-istrument tal-aċċellerazzjoni, sabiex tissimula impatt ta' qlib meta l-forza tiġi applikata fid-direzzjoni opposta għal dik deskritta fil-paragrafu 2.3.3.5. ta' dan l-anness.
- 2.4. Operazzjoni tat-Test għall-Opzjonijiet 2 u 3
- 2.4.1. Għandu jinżamm livell ta' aċċellerazzjoni minimu ta' 30 g fuq perjodu ta' mill-inqas 30 ms, waqt li l-aċċellerazzjoni tinżamm fil-pulse corridor kif definit fit-Tabella 4-1 u muri grafikament fil-Figura 4-2.
- 2.4.2. Aċċellera l-apparat tat-test fid-direzzjonijiet li ġejjin:
- 2.4.2.1. Għat-testijiet tal-Opzjoni 2:
- 2.4.2.1.1. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.1 ta' dan l-anness.
- 2.4.2.1.2. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.2. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.1.3. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.3. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.1.4. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.2.3.4. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2. Għat-testijiet tal-Opzjoni 3:
- 2.4.2.2.1. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.1. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2.2. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.2. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2.3. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.3. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2.4. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.4. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2.5. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.5. ta' dan l-anness.
- 2.4.2.2.6. Fid-direzzjoni speċifikata fil-paragrafu 2.3.3.6. ta' dan l-anness.
- 2.4.3. Jekk fi kwalunkwe ħin il-pulse jaqbeż is-36 g u r-rekwiżiti tat-test ikunu ġew sodisfatti, it-test għandu jitqies bħala validu.
- 2.4.4. Assigura li l-bieba ma nfethix u nġalqet waqt it-test.

Figura 4-1

## Tagħbija tal-Inerzja — Eżempju ta' Kalkolazzjoni

Jekk:

Is-sistema ta' lukkett tal-bieba soġġetta għal deċellerazzjoni ta' 30 g


Il-Forza Medja Prodotta fuq il-Molla tal-Buttuna = 0,459kgf

Pawl Spring Output Torque (saħħa tad-dawrien rizzultanti tal-molla tal-pum) = 0,0459kgf m

$a = 30 \text{ g (m/s}^2\text{)}$

$F = ma = m \cdot 30 \text{ g} = m \cdot 294,2$

$M_1 = 0,0163 \text{ kg}$	$d_1 = 31,50 \text{ mm}$
$M_2 = 0,0227 \text{ kg}$	$d_2 = 10,67 \text{ mm}$
$M_3 = 0,0122 \text{ kg}$	$d_3 = 4,83 \text{ mm}$
$M_4 = 0,0422 \text{ kg}$	$d_4 = 31,50 \text{ mm}$
	$d_5 = 37,59 \text{ mm}$
	$d_6 = 1,90 \text{ mm}$



● turi cg ta' komponent

$$F_1 = M_1 \times a - \text{Tagħbija medja fuq il-molla tal-pum} = (0,0163 \text{ kg} \times 30 \text{ g}) - 0,459 \text{ kgf} = 0,03 \text{ kgf}$$

$$F_2 = M_2 \times a = 0,0227 \text{ kg} \times 30 \text{ g} = 0,681 \text{ kgf}$$

$$F_3 = M_3/2 \times a = 0,0122 \text{ kg}/2 \times 30 \text{ g} = 0,183 \text{ kgf}$$

$$\begin{aligned} \Sigma M_o &= F_1 \times d_1 + F_2 \times d_2 - F_3 \times d_3 \\ &= 0,03 \times 31,5 + 0,681 \times 10,67 - 0,183 \times 4,83 \\ &= 7,33 \text{ kgf mm} \end{aligned}$$

$$F_5 = M_o/d_4 = 7,33/31,5 = 0,2328 \text{ kgf}$$

$$F_6 = M_4 \times a = 0,0422 \text{ kg} \times 30 \text{ g} = 1,266 \text{ kgf}$$

$$\begin{aligned} \Sigma M_o &= \text{Pawl spring output torque (saħħa tad-dawrien rizzultanti tal-molla tal-pum)} - (F_5 d_5 + F_6 d_6)/1\ 000 \\ &= 0,0459 - (0,2328 \times 37,59 + 1,266 \times 1,9)/1\ 000 \\ &= 0,0347 \text{ kgf m} \end{aligned}$$

Tabella 4-1

## Kuritur tal-Pulse tal-Aċċellerazzjoni

Faxxa ta' Fuq			Faxxa ta' Isfel		
Punt	Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g)	Punt	Ħin (ms)	Aċċellerazzjoni (g)
A	0	6	E	5	0
B	20	36	F	25	30
C	60	36	G	55	30
D	100	0	H	70	0

Figura 4-2

## Pulse tal-Aċċellerazzjoni

## Kuritur tal-Pulse tal-Aċċellerazzjoni





Figura 4-3

## Sistema ta' Referenza tal-Koordinati ta' Vettura għall-Ittestjar tal-Inerzja



- X = direzzjoni lonġitudinali  
Y = direzzjoni trasversali  
Z = direzzjoni vertikali



## ANNEX 5

**PROCĊEDURA TAT-TESTIJET FUQ IĊ-ĊPIEPET**

## 1. GĦAN

Dawn it-testijiet isiru sabiex tiġi stabbilita l-ħila tas-sistema ta' ċpiepet tal-vettura li tirreżisti tagħbijiet tat-test:

(a) Fid-direzzjonijiet lonġitudinali u trasversali u, barra minn hekk,

(b) għall-bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali, id-direzzjoni vertikali tal-vettura.

## 2. PROCĊEDURA TAT-TEST

## 2.1. Sistema b'Aktar minn Ċappetta Waħda

## 2.1.1. Test tat-Tagħbija Lonġitudinali

## 2.1.1.1. Tagħmir

## 2.1.1.1.1. Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni

## 2.1.1.1.2. Figura 5-1 turi l-apparat ta' test statiku tipiku.

## 2.1.1.2. Proċedura

2.1.1.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċappetta mal-provviżjon għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċappetta trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet tat-test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi ffixsata għal  $406 \pm 4$  mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata ekwidistanti bejn iċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet impjegati tal-pern taċ-ċappetta u minn għol-linja tan-nofs tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni lonġitudinali tal-vettura (ara l-Figura 5-2).

2.1.1.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

## 2.1.2. Test tat-Tagħbija Trasversali

## 2.1.2.1. Tagħmir

## 2.1.2.1.1. Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni.

## 2.1.2.1.2. Il-Figura 5-1 turi l-apparat ta' test statiku tipiku.

## 2.1.2.2. Proċedura

2.1.2.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċpiepet mal-provviżjonijiet għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċpiepet trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet ta' test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem oppost ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi ffixsata għal  $406 \pm 4$  mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata ekwidistanti bejn iċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet impjegati tal-pern taċ-ċappetta u minn għol-linja tan-nofs tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni trasversali tal-vettura (ara l-Figura 5-2).

2.1.2.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.

## 2.1.3. Test tat-Tagħbija Vertikali (Għal bibien li jinfetħu fid-direzzjoni vertikali)

## 2.1.3.1. Tagħmir

## 2.1.3.1.1. Apparat għall-ittestjar tat-tensjoni

- 2.1.3.1.2. Il-Figura 5-1 turi l-apparat tipiku ta' test statiku.
- 2.1.3.2. Proċedura
- 2.1.3.2.1. Qabbad is-sistema taċ-ċpiepet mal-provviżjonijiet għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċpiepet trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet ta' test, id-distanza bejn it-truf estremi ta' ċappetta waħda fis-sistema sat-tarf estrem oppost ta' ċappetta oħra fis-sistema għandha tiġi ffixxata għal  $406 \pm 4$  mm. It-tagħbija għandha tiġi applikata minn ġol-linja tan-nofs tal-pern taċ-ċappetta f'direzzjoni ortogonali mat-tagħbijiet lonġitudinali u trasversali (ara l-Figura 5-2).
- 2.1.3.2.2. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.
- 2.2. Evalwazzjoni ta' Ċappetta Individwali. F'ċerti ċirkostanzi, jista' jkun neċessarju li jiġu ttestjati ċ-ċpiepet individwali ta' sistema ta' ċpiepet. F'każijiet bħal dawn, ir-riżultati għal ċappetta individwali, meta ttestjata skont il-proċeduri ta' hawn isfel, għandhom ikunu tali li jindikaw li r-rekwiżiti tas-sistema fil-paragrafu 6.1.5.1. ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. (Pereżempju, ċappetta individwali f'sistema ta' żewġ ċpiepet trid tkun kapaċi tirreżisti 50 fil-mija tar-rekwiżiti tat-tagħbija tas-sistema sħiħa.)
- 2.2.1. Proċeduri tat-Test
- 2.2.1.1. Tagħbija Lonġitudinali. Qabbad is-sistema taċ-ċpiepet mal-provviżjonijiet għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċpiepet trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet ta' test, it-tagħbija għandha tiġi applikata ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-porzjonijiet impjegati tal-pern taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni lonġitudinali tal-vettura. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.
- 2.2.1.2. Tagħbija Trasversali. Qabbad is-sistema taċ-ċpiepet mal-provviżjonijiet għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċpiepet trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) fir-rigward tal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għall-iskopijiet ta' test, it-tagħbija għandha tiġi applikata ekwidistanti miċ-ċentru lineari tal-pożizzjonijiet impjegati tal-pern taċ-ċappetta u minn ġol-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta fid-direzzjoni trasversali tal-vettura. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.
- 2.2.1.3. Tagħbija Vertikali. Qabbad is-sistema taċ-ċpiepet mal-provviżjonijiet għall-immuntar tal-apparat tat-test. L-attitudni taċ-ċpiepet trid tissimula l-pożizzjoni tal-vettura (bieba magħluqa għal kollox) b'mod relattiv mal-linja ċentrali taċ-ċappetta. Għal skopijiet ta' test, it-tagħbija għandha tiġi applikata fil-linja ċentrali tal-pern taċ-ċappetta f'direzzjoni ortogonali mat-tagħbijiet lonġitudinali u trasversali. Applika t-tagħbija tat-test b'rata li ma għandhiex taqbeż il-5 mm/min sakemm tinkiseb it-tagħbija meħtieġa. Falliment jikkonsisti mis-separazzjoni ta' xi waħda miċ-ċpiepet. Irreġistra t-tagħbija massima li tinkiseb.
- 2.3. Għaċ-ċpiepet tat-tip pjanu, ir-rekwiżiti dwar l-isparzjar taċ-ċpiepet mhumiex applikabli u l-arranġament tal-apparat tat-test huwa mibdul sabiex il-forzi tat-test jiġu applikati fuq iċ-ċappetta kollha.

Figura 5-1

Apparat ta' testijiet statiki





Figura 5-2

Direzzjonijiet tat-test tat-tagħbija statika għal bibien li jinfetħu f'direzzjoni vertikali



## ANNEX 6

**BIEBA TAL-ĠENB LI TIŻŻERŻAQ****Test Sħiħ tal-Bieba**

## 1. GĦAN

Dan it-test huwa intenzjonat sabiex jstabilixxi r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni u proċedura tat-test għall-evalwazzjoni u l-ittestjar tal-komponenti għaż-żamma tal-biben li jiżżerżqu meta jkunu installati kemm fuq il-bieba kif ukoll fuq il-qafas tal-bieba. Dan it-test jikkumplementa t-testijiet applikabbli fl-Anness 3 u fl-Anness 4.

## 2. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

2.1. It-testijiet isiru bl-użu ta' vettura sħiħa jew bodi abjad bil-bieba li tiżżerżaq u l-komponenti għaż-żamma tagħha.

2.2. It-test jitwettaq billi jintużaw żewġ strumenti ta' applikazzjoni tal-forza li kapaċi japplikaw il-forzi trasversali 'l barra speċifikati fil-paragrafu 6.2.4 ta' dan ir-Regolament. L-arranġament tat-test huwa muri fil-Figura 6-1. Is-sistema ta' applikazzjoni tal-forza għandha tinkludi dawn li ġejjin:

2.2.1. Żewġ pjanċi ta' applikazzjoni tal-forza.

2.2.2. Żewġ strumenti ta' applikazzjoni tal-forza li kapaċi japplikaw ir-rekwiżiti tat-tagħbija trasversali 'l barra għal spostament minimu ta' 300 mm.

2.2.3. Żewġ ċelluli ta' tagħbija ta' kapaċità suffiċjenti sabiex ikejlu t-tagħbijiet applikati.

2.2.4. Żewġ strumenti ta' kejl tal-ispostament lineari li huma meħtieġa sabiex ikejlu l-ispostament tal-istrument ta' applikazzjoni tal-forza waqt it-test.

2.2.5. Tagħmir għall-kejl ta' mill-anqas 100 mm ta' separazzjoni bejn l-intern tal-bieba u x-xifer ta' barra tal-qafas tal-bieba, waqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti rilevanti kollha dwar is-saħħa u s-sigurtà.

## 3. L-ARRANĠAMENT TAT-TEST

3.1. Neħħi l-komponenti dekorattivi interni kollha mill-assemblaġġ tal-bieba li tiżżerżaq.

3.2. Neħħi s-siġġijiet u kwalunkwe komponent intern ieħor li jista' jinterferixxi mal-immuntar u t-tħaddim tat-tagħmir tat-test u kull tirqim tal-pilastru u kwalunkwe komponent mhux strutturali li jirkeb fuq il-bieba u jikkawża spostament ħażin tal-pjanċi għall-applikazzjoni tal-forza.

3.3. Immonta l-istrumenti ta' applikazzjoni tal-forza u l-istruttura ta' sostenn assoċjata mal-qiegħ tal-vettura tat-test. Kull strument ta' applikazzjoni tal-forza u struttura ta' sostenn assoċjata hija mwaħħla b'mod riġidu fuq wiċċ orizzontali fuq il-qiegħ tal-vettura, waqt li jiġu applikati t-tagħbijiet.

3.4. Stabbilixxi x-xifer ta' quddiem u ta' wara tal-bieba li tiżżerżaq, jew l-istruttura tal-vettura li tmiss magħha, li fiha lukkett/striker.

3.5. Agħlaq il-bieba li tiżżerżaq, filwaqt li tassigura li l-komponenti kollha li jżommu l-bieba jkunu ingaġġati għal kollox.

3.6. Għal kull xifer ta' bieba ttestjat li jkun fih lukkett/striker, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:


3.6.1. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza hija twila 150 mm, wiesgħa 50 mm u ħoxna mill-inqas 15-il mm. Ix-xfar tal-pjanċa huma ġejjin għat-tond għal raġġ ta' 6 mm ± 1 mm.

3.6.2. Poġġi l-istrument ta' applikazzjoni tal-forza u l-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq il-porzjon tal-lukkett/striker immuntat fuq il-bieba.

- 3.6.3. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza tkun ippożizzjonata b'tali mod li x-xifer it-twil tal-pjanċa jkun kemm jista' jkun qrib, u parallel max-xifer intern tal-bieba, iżda mhux li x-xifer ta' quddiem tal-pjanċa jkun iżjed minn 12,5 mm mix-xifer ta' ġewwa.
- 3.7. Għal kull xifer ta' bieba ttestjat li jkun fih aktar minn lukkett/striker wieħed, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:
- 3.7.1. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza hija twila 300 mm, wiesgħa 50 mm, u ħoxna mill-inqas 15-il mm. Ix-xfar tal-pjanċa huma ġejjin għat-tond għal raġġ ta' 6 mm ± 1 mm.
- 3.7.2. Poġġi l-istrument ta' applikazzjoni tal-forza u l-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq punt li jkun nofs triq bejn ix-xfar l-aktar fuq barra tal-assemblaġġi tal-lukkett/striker.
- 3.7.3. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza hija ppożizzjonata b'mod li x-xifer it-twil tal-pjanċa jkun kemm jista' jkun qrib, u parallel max-xifer intern tal-bieba, iżda mhux li x-xifer ta' quddiem tal-pjanċa jkun iżjed minn 12,5 mm mix-xifer intern.
- 3.8. Għal kwalunkwe xifer tal-bieba ttestjat li ma jkunx fih tal-inqas lukkett/striker wieħed, jintużaw il-proċeduri ta' arranġament li ġejjin:
- 3.8.1. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza hija twila 300 mm, wiesgħa 50 mm, u ħoxna mill-inqas 15-il mm.
- 3.8.2. Poġġi l-istrument ta' applikazzjoni tal-forza u l-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza kontra l-bieba sabiex il-forza applikata tkun orizzontali u normali mal-linja ċentrali lonġitudinali tal-vettura, u ċċentrat b'mod vertikali fuq punt nofs triq tul ix-xifer tal-bieba sabiex ikun żgurat li l-istrument tat-tagħbija jevita l-kuntatt mal-ħġieġ tal-bieba.
- 3.8.3. Il-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza hija ppożizzjonata kemm jista' jkun qrib tax-xifer tal-bieba. Mhux meħtieġ li l-pjanċa ta' applikazzjoni tal-forza tkun vertikali.
- 3.9. Il-bieba ma tkunx imsakkra. Ma jista' jiġi wweldjat jew imwahħhal l-ebda apparat jew komponent addizzjonali mal-bieba tal-ġenb li tiżżerżaq jew ma' xi komponent tagħha.
- 3.10. Qabbad kwalunkwe tagħmir użat għall-kejl tas-separazzjoni tal-bieba li jkun se jintuża sabiex jistabbilixxi l-livelli ta' separazzjoni waqt il-proċedura tat-test.
- 3.11. Poġġi l-istruttura tal-applikazzjoni tat-tagħbija b'mod li l-pjanċi ta' applikazzjoni tal-forza jkunu f'kuntatt mal-intern tal-bieba li tiżżerżaq.
4. PROCĊEDURA TAT-TEST
- 4.1. Ċaqlaq kull strument ta' applikazzjoni tal-forza b'rata sa 2 000 N kull minuta, kif speċifikat mill-manifattur, sakemm tinkiseb forza ta' 9 000 N fuq kull strument ta' applikazzjoni tal-forza jew sakemm xi wieħed mill-istrumenti ta' applikazzjoni tal-forza jilħaq spostament totali ta' 300 mm.
- 4.2. Jekk wieħed mill-istrumenti ta' applikazzjoni tal-forza jilħaq il-forza fil-mira ta' 9 000 N qabel l-ieħor, żomm il-forza ta' 9 000 N b'dak l-istrument ta' applikazzjoni tal-forza sakemm it-tieni strument ta' applikazzjoni tal-forza jilħaq il-forza ta' 9 000 N.
- 4.3. Ladarba ż-żewġ strumenti ta' applikazzjoni tal-forza jkunu laqħu 9 000 N kull wieħed, waqqaf il-moviment 'il quddiem tal-istrumenti ta' applikazzjoni tal-forza u żomm taħt it-tagħbija li tirriżulta għal minimu ta' 10 sekondi.
- 4.4. Żomm il-pożizzjoni tal-istrument ta' applikazzjoni tal-forza tal-paragrafu 4.3, u fi żmien 60 sekonda, kejjel is-separazzjoni bejn ix-xifer estern tal-qafas tal-bieba u l-intern tal-bieba tul il-perimetru tal-bieba.

Figura 6-1

Proċedura tat-Test fuq il-Vettura Sħiħa għall-Bieba tal-Ġenb li Tiżżerżaq (Nota: Il-bieba li tiżżerżaq hija murija separata mill-vettura)



It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont il-liġi pubblika internazzjonali. L-istat u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

## **Ir-Regolament Nru 18 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra l-użu awtorizzat**

Tinkorpora t-test validu kollu sa:

Suppliment 2 għas-sensiela 03 tal-emendi – Data tad-dħul fis-seħħ: 15 ta' Ottubru 2008

WERREJ

### REGOLAMENT

1. L-Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali
6. Speċifikazzjonijiet partikolari
7. Il-modifika tat-tip tal-vettura u l-estensjoni għall-approvazzjoni
8. Konformità ta' proċeduri ta' produzzjoni
9. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għal kollox
11. Żieda ta' apparat ipprovdut
12. Dispożizzjonijiet tranżitorji
13. Ismijiet u indirizzi ta' servizzi tekniċi responsabbli mit-tweqqif ta' testijiet ta' approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi

### ANNESI

- Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa għal kollox ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra l-użu mhux awtorizzat skont ir-Regolament Nru 18
- Anness 2 – Eżempji ta' arranġamenti ta' marki ta' approvazzjoni
- Anness 3 – Proċedura tat-test li jipproduċi ħsara mill-użu għal apparat li jipproteġi li jaġixxi fuq l-istering

1. L-AMBITU
  - 1.1. Dan ir-Regolament japplika għal vetturi bil-mutur li għandhom mill-inqas tliet roti għajr dawk tal-Kategorija  $M_1$  u  $N_1$  <sup>(1)</sup>, fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra użu mhux awtorizzat.
  - 1.2. Il-vetturi approvati skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti 1 tar-Regolament Nru 116 jitqiesu li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.
2. DEFINIZZJONIJIET  
Għall-għan ta' dan ir-Regolament:
  - 2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra użu mhux awtorizzat;
  - 2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi bil-mutur tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$  u  $N_3$  li ma fihomx differenza f'aspetti essenzjali bħal:

<sup>(1)</sup> Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata tal-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emend.2).

- 2.2.1. l-indikazzjonijiet tal-manifattur tat-tip tal-vettura;
- 2.2.2. l-arranġament u d-disinn tal-komponent tal-vettura jew komponenti li fuqhom l-apparat protettiv jaġixxi;
- 2.2.3. it-tip ta' apparat protettiv;
- 2.3. L-“apparat li jipprevjeni” tfisser sistema maħsuba li tipprevjeni l-attivazzjoni normali mhux awtorizzata tal-magna jew sors ieħor tal-enerġija tal-magna prinċipali tal-vettura b'kombinazzjoni ma' tal-anqas sistema waħda li:
  - (a) tillokkja l-istering; jew
  - (b) tillokkja t-trażmissjoni; jew
  - (c) tillokkja l-kontroll tal-bdil tal-gerijiet; jew
  - (d) tillokkja l-brejkijiet.Fil-każ ta' sistema li tillokkja l-brejkijiet, it-tifi tal-apparat ma għandux awtomatikament jillibera l-brejkijiet kontra l-intenzjoni tas-sewwieq.
- 2.4. “Stering” tfisser il-kontroll tal-istering, il-kolonna tal-istering u l-aċċessorji tiegħu ta' tlibbis, ix-xaft tal-istering, il-gerboks tal-istering u l-komponenti l-oħra kollha li direttament jaffettwaw l-effettività tal-apparat protettiv;
- 2.5. “Kombinazzjoni” tfisser waħda mill-varjazzjonijiet speċifikament żviluppati u kostruwiti ta' sistema li tillokkja li, meta attivata kif imiss, tippermetti l-operazzjoni tas-sistema ta' illokkjar;
- 2.6. “Ċavetta” tfisser kull apparat ddisinjat u kostruwit biex jipprovdi metodu ta' operazzjoni ta' sistema li tillokkja, li hija ddisinjata u kostruwita biex tiġi operata biss b'dak l-apparat.
3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' apparat protettiv biex jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat tagħha għandha tingħata mill-manifattur jew mir-rappreżentant tiegħu debitament akkreditat.
- 3.2. Għandu jkollha magħha d-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji kif ukoll id-dettalji li ġejjin:
  - 3.2.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-arranġament u disinn tal-kontroll jew tal-unità li fuqha jaġixxi l-apparat protettiv;
  - 3.2.2. tpinġijiet, fuq skala xierqa u b'dettal suffiċjenti, tal-apparat protettiv u tal-montaġġi tiegħu fuq il-vettura;
  - 3.2.3. deskrizzjoni teknika tal-apparat.
- 3.3. Dan għandu jkun sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni:
  - 3.3.1. vettura, rappreżentant tat-tip tal-vettura għandu jiġi approvat, jekk mitlub mis-servizz tekniku; kif ukoll
  - 3.3.2. fuq talba tas-servizz tekniku, daww il-komponenti tal-vettura kif is-servizz iqis meħtieġ għall-eżamijiet preskritti fil-paragrafi 5. u 6. ta' dan ir-Regolament.
4. L-APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressqa għall-approvazzjoni skont ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5 u 6 aktar 'l isfel, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dik it-tip ta' vettura.
- 4.2. Għandu jingħata numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ numri (fil-preżent 03, li jikkorrispondu għas-serje 03 tal-emendi li daħlet fis-seħħ fl-23 ta' Ġunju 2005) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewlenija reċenti li saru għar-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti tista' ma tagħtix l-istess numru jew lill-istess tip ta' vettura mġhamra b'tip ieħor ta' apparat protettiv jew l-apparat li l-protezzjoni tiegħu tkun immuntata b'mod differenti, jew lil tip ta' vettura oħra.



- 4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet tal-apparat protettiv, u l-muntaġġ tiegħu pprovdut mill-applikant għall-approvazzjoni, f'format mhux akbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.
- 4.4. Għandu jkun hemm imwaħħal, f'post fejn jidher u li hu aċċessibbli malajr speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, marka ta' approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:
- 4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni <sup>(2)</sup>;
- 4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, flimkien mal-ittra "R", sing u numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' vettura tat-tip approvata, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti annessi mal-Ftehim fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn ikun imtenni; f'dak il-każ ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli miżjuda l-oħra tar-Regolamenti kollha li taħthom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni wieqfa fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew fuq il-panċa tad-dejta tal-vettura li jwahaħħal il-manifattur.
- 4.8. Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.
5. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI
- 5.1. L-apparat protettiv għandu jkun hekk iddisinjat li jkun meħtieġ li jitwaqqaf milli jitħaddem sabiex jippermetti:
- 5.1.1. li l-magna titqabba permezz tal-kontroll normali; kif ukoll
- 5.1.2. il-vettura tiġi ggwidata, misjuqa u mċaqalqa 'l quddiem bl-enerġija tagħha stess.
- 5.1.3. ir-rekwiżit tal-paragrafu 5.1. jista' jinkiseb fl-istess ħin bħal jew qabel l-azzjonijiet preskritti fil-paragrafi 5.1.1. u 5.1.2.
- 5.2. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1 għandhom jitħarsu permezz tal-applikazzjoni unika ta' ċavetta waħda.
- 5.3. Ħlief fil-każ previżt fil-paragrafu 6.1.5 sistema li taħdem b'ċavetta li tiddaħħal fis-serratura ma għandhiex tippermetti t-tneħħija taċ-ċavetta qabel ma l-apparat protettiv imsemmi fil-paragrafu 5.1 ikun beda jaħdem jew ikun issettjat biex jaġixxi.

<sup>(2)</sup> 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (vojta), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vojta), 31 għall-Bożnja u Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vojta), 34 għall-Bulgarija, 35 (vojta), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vojta), 39 għall-Azerbajġan, 40 għal dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, 41 (vojta), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vojta), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għal New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea. Numri sussegwenti għandhom jingħataw lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li fih jirratifikaw jew jiffirmaw il-Ftehim li jikkonċerna l-Adozzjoni ta' Dispożizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu Jitwahaħħu u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għal Għarfien Reċiproku ta' Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri mogħtija b'dan il-mod għandhom ikunu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim.

- 5.4. L-apparat protettiv imsemmi fil-paragrafu 5.1 hawn fuq, u l-komponenti tal-vettura li fuqhom jopera, għandu jkun hekk iddisinjat, li ma jstax jinfetaħ malajr u mingħajr ma jiġbed l-attenzjoni, isir ineffettiv jew jiġi distrutt minn, pereżempju, l-użu ta' għodda rħisa u li tinħeba faċilment, tagħmir jew fabbrikazzjonijiet faċilment disponibbli lill-pubbliku inġenerali.
- 5.5. L-apparat protettiv għandu jiġi mmuntat fuq il-vettura bħala parti mit-tagħmir oriġinali (jiġifieri, tagħmir installat mill-manifattur tal-vettura qabel l-ewwel bejgħ tagħha bl-imnut). Għandu jitwawwal b'tali mod li wkoll wara t-tneħħija mill-kompartiment tiegħu ma jkunx jista' meta jkun fil-kundizzjoni imblukkata, jiżżarma ħlief b'għodda speċjali. Jekk ikun possibbli li l-apparat protettiv isir ineffettiv permezz tat-tneħħija ta' viti, l-viti għandhom, kemm-il darba ma jkunux viti li ma jistgħux jitneħħew, ikunu koperti minn partijiet tal-apparat protettiv imblukkati.
- 5.6. Is-sistema taċ-ċavetta li ssakkar għandha tippovdi tal-anqas 1 000 kombinazzjoni differenti taċ-ċavetta jew numru ugwali għan-numru totali ta' vetturi mmanifatturati kull sena jekk anqas minn 1 000. F'vetturi ta' tip wieħed il-frekwenza ta' okkorrenza ta' kull kombinazzjoni għandha bejn wieħed u ieħor tkun ta' waħda kull 1 000.
- 5.7. Iċ-ċavetta u s-serratura ma għandhomx ikunu kkodifikati viżibbilment.
- 5.8. Is-serratura għandha tkun hekk iddisinjata, konstruwita u mwaħħla li t-tidwir taċ-ċilindru tas-serratura, meta jkun fil-pożizzjoni llokkjata, b'tensjoni ta' anqas minn 2.45 Nm ma jkunx possibbli b'xi ċavetta oħra ħlief iċ-ċavetta li taqbel, u
- 5.8.1. għal ċilindri ta' serratura b'pin tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li joperaw fl-istess direzzjoni għandhom ikunu mqiegħda biswit xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 60 % ta' tumblers identiċi,
- 5.8.2. għal ċilindri ta' serratura b'disc tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li joperaw fl-istess direzzjoni għandhom ikunu mqiegħda biswit xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 50 % ta' tumblers identiċi,
- 5.9. Apparati protettivi għandhom ikunu tali li jeskludu kull riskju ta' imblukkar aċċidentali li x'aktarx jikkomprometti s-sikurezza waqt li l-vettura tkun miexja.
- 5.9.1. Ma għandux ikun possibbli li jiġi attivat apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat mingħajr ma l-ewwel jkunu ssettjati l-kontrolli tal-magna għal kundizzjoni ta' twaqqif u mbagħad titwettaq azzjoni li ma tkunx kontinwazzjoni mhux interrotta tat-twaqqif tal-magna, jew mingħajr ma l-ewwel jkunu ssettjati l-kontrolli tal-magna għal kundizzjoni ta' twaqqif meta l-vettura tkun wieqfa bl-applikazzjoni tal-brejk tal-parking, jew il-veloċità tal-vettura ma taqbixx l-4 km/siegħa.
- 5.9.2. Fil-każ ta' apparati li jaġixxu fuq l-istering, trażmissjoni, kontroll tal-bdil tal-ger jew brejkijiet, jekk l-azzjoni tal-irtirar taċ-ċavetta tattiva l-apparat għandha jew tqanqal il-ħtieġa ta' ċaqliq minimu ta' 2 mm qabel l-attivazzjoni tal-apparat jew tinkorpora faċilità li tipprevjeni li tipprevjeni t-tneħħija aċċidentali jew l-irtirar parzjali taċ-ċavetta.
- 5.9.3. Il-paragrafi 5.8, 5.8.1 jew 5.8.2, u 5.9.2 huma applikabbli biss għal apparat li jinkludi ċwieviet mekkaniċi.
- 5.10. L-assistenza tal-magni tista' tintuża biss biex tattiva l-azzjoni li tillokkja u/jew li tiftaħ l-apparat protettiv. L-apparat għandu jinżamm fil-pożizzjoni tiegħu ta' operazzjoni b'mezzi mekkaniċi biss.
- 5.11. Ma għandux ikun possibbli li tiġi attivata l-enerġija mekkanika tal-vettura b'mezzi normali sakemm l-apparat protettiv ma jkunx ġie deattivat.
- 5.12. Apparati li jipprevjeni użu mhux awtorizzat billi jipprevjeni milli jiġu lliberati l-brejkijiet tal-vettura għandhom ikunu permessi biss meta l-partijiet li jħaddmu l-brejkijiet jinżammu f'pożizzjoni llokkjata minn apparat purament mekkaniku. F'dan il-każ, l-istipulazzjonijiet tal-paragrafu 5.11 ma għandhomx japplikaw.
- 5.13. Jekk is-sistema tal-apparat protettiv tkun mġammra b'karatteristika ta' avviż lis-sewwieq għandu jiġi attivat, sakemm l-apparat protettiv ma jkunx ġie attivat u ċ-ċavetta mneħħija mill-operatur, meta l-operatur jiftaħ il-bieba tan-naħa tas-sewwieq.

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET PARTIKOLARI
- Barra mill-ispeċifikazzjonijiet ġenerali stipulati fil-paragrafu 5, l-apparat protettiv għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet partikolari kif stipulati hawn taħt:
- 6.1. Apparat protettiv li jaġixxu fuq l-istering
- 6.1.1. Apparat protettiv li jaġixxi fuq l-istering għandu jimblokka l-istering.
- 6.1.2. Meta l-apparat protettiv ikun issettjat biex jaġixxi, ma għandux ikun possibbli li jipprevjeni l-apparat milli jiffunzjona.
- 6.1.3. L-apparat protettiv għandu jkompli jikkonforma mal-paragrafi 5.9, 6.1.1, 6.1.2 u 6.1.4, wara li jkun għadda minn 2 500 ċiklu ta' illokkjar f'kull direzzjoni tat-test li jipproduċi l-ħsara mill-użu bl-użu speċifikat fl-Anness 3.
- 6.1.4. L-apparat protettiv għandu, fil-pożizzjoni attivata tiegħu, ikun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ, mingħajr ħsara għall-mekkaniżmu tal-istering li x'aktarx tikkomprometti s-sikurezza, l-applikazzjoni ta' tensjoni ta' 200 Nm mal-fus tax-xaft tal-istering fiż-żewġ direzzjonijiet taħt kundizzjonijiet statiċi.
- 6.1.5. Jekk l-apparat protettiv ikun tali li ċ-ċavetta tkun tista' titneħħa f'pożizzjoni differenti mill-pożizzjoni li fiha l-istering ikun illokkjat, għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-manuvra meħtieġa sabiex jilħaq dik il-pożizzjoni u jneħħi ċ-ċavetta ma tistax tkun effettwata bi żball.
- 6.2. Apparat li jipprevjeni l-użu awtorizzat billi jaġixxi fuq it-trażmissjoni jew il-brejkijiet
- 6.2.1. Apparat protettiv li jaġixxi fuq it-trażmissjoni għandu jipprevjeni t-tidwir tar-roti tas-sewqan tal-vetturi.
- 6.2.2. Apparat biex jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat billi jaġixxi fuq il-brejkijiet għandu jżomm il-brejk ta' mill-inqas rota waħda fuq kull naħa ta' mill-inqas fus wieħed.
- 6.2.3. Meta l-apparat protettiv ikun issettjat biex jaġixxi, ma għandux ikun possibbli li jipprevjeni l-apparat milli jiffunzjona.
- 6.2.4. Ma għandux ikun possibbli għat-trażmissjoni jew il-brejkijiet li jiġu mblukkati bi żball meta ċ-ċavetta tkun fis-serratura tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, ukoll meta l-apparat li jipprevjeni l-istartjar tal-magna jkun beda jiffunzjona jew ikun issettjat biex jaġixxi. Dan ma japplikax kull fejn ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2 ta' dan ir-Regolament. Ma għandux ikun possibbli għat-trażmissjoni jew il-brejkijiet li jiġu mblukkati bi żball meta ċ-ċavetta tkun fis-serratura tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, ukoll meta l-apparat li jipprevjeni l-istartjar tal-magna jkun beda jiffunzjona jew ikun issettjat biex jaġixxi.
- 6.2.5. L-apparat protettiv għandu jkun hekk iddisinjat u kostruwit li jibqa' effettiv għal kollox ukoll wara xi ħsara permezz tal-użu bħala riżultat ta' 2 500 ċiklu ta' illokkjar f'kull direzzjoni. Fil-każ tal-apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, kull sottoparti mekkanika jew elettrika tal-apparat hija kkonċernata.
- 6.2.6. Jekk l-apparat protettiv ikun tali li ċ-ċavetta tkun tista' titneħħa f'pożizzjoni differenti mill-pożizzjoni li fiha t-trażmissjoni jew il-brejkijiet ikunu llokkjati, għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-manuvra meħtieġa biex jilħaq dik il-pożizzjoni u jneħħi ċ-ċavetta ma tistax tkun effettwata bi żball.
- 6.2.7. Fil-każ meta apparat protettiv jaġixxi fuq it-trażmissjoni jkun qed jintuża, għandu jkun b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ, mingħajr ħsara li x'aktarx tikkomprometti s-sikurezza, l-applikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet u f'kundizzjonijiet statiċi ta' tensjoni ta' 50 % akbar mit-tensjoni massima li tista' normalment tiġi applikata fuq it-trażmissjoni. Fl-istabbiliment tal-livell ta' dan l-itestjar tat-tensjoni ma għandux jinġhata kont tat-tensjoni massima tal-magna, iżda tat-tensjoni massima li tista' tiġi trażmessa mill-klaċċ jew mit-trażmissjoni awtomatika.
- 6.2.8. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, l-apparat irid ikun kapaċi jżomm il-vettura mgħobbija wieqfa fuq xaqliba ta' 18 % '1 fuq jew '1 isfel.
- 6.2.9. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu interpretati bħala tluq mir-rekwiżiti tar-Regolamenti 13 jew 13-H anki fil-każ ta' ħsara.
- 6.3. Apparati protettivi li jaġixxu fuq il-kontroll tal-bdil tal-ger
- 6.3.1. Apparat protettiv li jaġixxi fuq il-kontroll tal-bdil tal-ger għandu jkun kapaċi li jipprevjeni kull bdil ta' ger.


- 6.3.2. Fil-każ ta' gerboksis manwali għandu jkun possibbli li jkun illokkjat il-kontroll li jibdel il-gerijiet biss fil-pożizzjoni tat-treġġiegħ lura; barra minn hekk, għandu jkun permess l-illokkjar f'pożizzjoni newtrali.
- 6.3.3. Fil-każ ta' gerboksis awtomatiċi pprovduti b'pożizzjoni għall-"parkeġġ" għandu jkun possibbli li l-mekkaniżmu jillokkja fil-pożizzjoni ta' parkeġġ biss; barra minn dan, għandu jkun permezz l-illokkjar f'pożizzjoni newtrali u/jew ta' treġġiegħ lura.
- 6.3.4. Fil-każ ta' gerboksis awtomatiċi mhux ipprovduti b'pożizzjoni għall-"parkeġġ", għandu jkun possibbli li l-mekkaniżmu jillokkja fil-pożizzjonijiet li ġejjin biss; newtrali u/jew ta' treġġiegħ lura.
- 6.3.5. L-apparat protettiv għandu jkun hekk iddisinjat u kostruwit li jibqa' effettiv għal kollox ukoll wara xi ħsara permezz tal-użu bħala riżultat ta' 2 500 ċiklu ta' illokkjar f'kull direzzjoni.
7. MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA U ESTENSIJONI TAL-APPROVAZZJONI
- 7.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura għandha tkun notifikata lid-dipartiment amministrattiv li approva t-tip ta' vettura.
- Id-dipartiment jista' mbagħad jew:
- 7.1.1. Jikkunsidra li l-modifiki li saru mhux probabbli li jkollhom daqstant effett ħażin li jkun innutat u li fi kwalunkwe każ l-apparat protett għadu konformi mal-kundizzjonijiet meħtieġa, jew
- 7.1.2. Jirrikjedi rapport ulterjuri mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.
- 7.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, li tispesjifika l-bidla, għandha tkun ikkomunikata lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament permezz tal-proċedura indikata fil-paragrafu 4.3 aktar 'il fuq.
- 7.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni ta' approvazzjoni għandha tassenja numru serjali għal kull formola ta' komunikazzjoni mimlija għal kull estensjoni bħal din.
8. KONFORMITÀ TAL-PROĊEDURI TA' PRODUZZJONI
- Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma' daww stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Ftehim (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-reqwiżiti li ġejjin:
- 8.1. Il-vetturi approvati taħt dan ir-Regolament fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra użu mhux awtorizzat għandhom ikunu hekk immanifatturati biex jikkonformaw mat-tip approvat billi jissodisfaw ir-reqwiżiti preskritti fil-paragrafi 5 u 6 hawn fuq.
9. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 9.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip tal-vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-reqwiżiti stipulati fil-paragrafu 8. hawn fuq ma jkunux rispettati.
- 9.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li qed tapplika dan ir-Regolament tirtira l-approvazzjoni li kienet tat qabel, għandha minnufih tavża b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li qed japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. PRODUZZJONI DEFINITTIVAMENT IMWAQQFA
- Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għal kolli il-manifattura ta' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, hu għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Hekk kif tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.
11. ŻIEDA TA' APPARAT IPROVDUT
- 11.1. L-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tista' tingħata fir-rigward ta' apparat protettiv mgħammar b'żieda ta' apparat ta' avviż akustiku jew viżiv, jew fir-rigward ta' twaħħil mhux obbligatorju ta' apparat supplimentari biex jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat tal-vettura, sakemm l-apparat supplimentari ma jkunx jeħtieġ mezz separat ta' attivazzjoni; il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiesu bħala preklużi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Ftehim li miegħu huwa anness ir-Regolament milli jipprojbixxi żieda ta' apparat bħal dan fuq vetturi rreġistrati minnhom.
- 11.2. Jekk l-apparat protettiv ikollu żieda ta' tagħmir b'apparat estern ta' avviż akustiku jew/u viżiv, is-sinjali li jibgħat l-apparat ta' avviż għandhom ikunu qosra u għandhom jieqfu b'mod awtomatiku wara mhux aktar minn 30 sekonda; għandhom jibdeu mill-ġdid biss jekk l-apparat jitqabbd mill-ġdid. Barra minn hekk,
- 11.2.1. jekk is-sinjal ikun akustiku, dan jista' jintbagħat mill-apparat ta' avviż li jista' jinstema' li normalment jitwawħhal fil-vettura;
- 11.2.2. jekk is-sinjal ikun viżiv, jew:
- 11.2.2.1. għandu jsir biss bi dwal jixegħlu u jitfu meta tgħaddi l-karozza dwal, jew;
- 11.2.2.2. għandu jkun konformi mal-paragrafi 11.2.2.2.1 u 11.2.2.2.2 hawn taħt
- 11.2.2.2.1. Tul ta' żmien tas-sinjal ottiku
- Is-sinjal ottiku għandu jkollu tul ta' żmien bejn 25 sekonda u 5 minuti wara li l-allarm ikun ġie attivat. It-tifi tas-sistema tal-allarm għandha twaqqaf minnufih is-sinjal.
- 11.2.2.2.2. Tip ta' sinjal ottiku
- Dwal jixegħlu u jitfu tal-indikaturi kollha tad-direzzjoni u/jew id-dawl tal-kompartiment tal-passiġġier tal-vettura, inklużi l-fanali kollha fl-istess ċirkwit elettriku.
- Frekwenza li tħaddmu  $2 \pm 1$  Hz
- Fir-rigward tas-sinjal li jista' jinstema', sinjali asinkroniċi huma permessi wkoll.
- Ħin mixgħul = ħin mitfi  $\pm 10$  fil-mija.
12. DISPOŻIZZJONIJET TRANŻITORJI
- L-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad tip ta' vettura ta' kategoriji għajr l-approvazzjoni tal-M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> għas-serje 01 u 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
13. L-ISMIJJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI GĦAT-TWETTQ TAT-TESTIJET TAL-APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni, u fejn għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa fpajjiżi oħra.

ANNEX 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 x 297 mm))



maħruġa minn L-isem tal-amministrazzjoni:

.....  
.....  
.....

- li tikkonċerna <sup>(2)</sup>: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
- APPROVAZZJONI ESTIŻA
- APPROVAZZJONI RRIFJUTATA
- APPROVAZZJONI RTIRATA
- PRODUZZJONI DEFINITTIVAMENT IMWAQQFA

Ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra użu mhux awtorizzat skont ir-Regolament Nru 18.

Nru tal-Approvazzjoni: ..... Nru tal-estensjoni: .....

1. L-isem tar-reġistrazzjoni jew trejdmak tal-vettura bil-mutur: .....
2. It-tip tal-vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk japplika, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-apparat protettiv, tal-immuntar tiegħu, u tal-komponent tal-vettura jew il-funzjoni li fuqha jaġixxi (minbarra l-istartjar tal-magna), jiġifieri l-istering/il-kontroll li jbidel il-ger/trażmissjoni <sup>(2)</sup>: .....
6. Il-vettura hi mgħammra b'żieda ta' apparat ta' avviż akustiku/viżiv <sup>(2)</sup> tat-tip li ġej: .....
7. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi: .....
8. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
9. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
10. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
11. Approvazzjoni ġiet mogħtija/estiża/rrifjutata/rtirata <sup>(2)</sup>: .....
12. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni tal-approvazzjoni: .....
13. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....

14. Post: .....
15. Data: .....
16. Firma: .....
17. Lista ta' fajls li jżommu n-numru ta' approvazzjoni muri hawn fuq iddepożitata mas-Servizz Amministrattiv li ta l-approvazzjoni tat-tip, u li tista' tinkiseb meta tintalab, hi mehmūza ma' din il-komunikazzjoni.

—

<sup>(1)</sup> Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni fir-Regolament).

<sup>(2)</sup> Aqta' fejn ma japplikax.

## ANNEX 2

## EŻEMPJI TAL-ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TA' APPROVAZZJONI


## MUDELL A



$a = 8 \text{ mm min}$

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwajhla fuq vettura turi li t-tip ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4), skont ir-Regolament Nru 18 bin-numru tal-approvazzjoni 031234. L-ewwel żewġ figuri (03) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 18 inkluża s-serje tal-emendi 03.

## MUDELL B



$a = 8 \text{ mm min}$

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwajhla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġiet approvata fl-Olanda (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 18 u Nru 51. <sup>(1)</sup> L-ewwel żewġ figuri tan-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-data meta ngħataw l-approvazzjonijiet, ir-Regolament Nru 18 inkluż fis-serje ta' emendi 03 u r-Regolament Nru 51 inkludew is-serje ta' emendi 02.

<sup>(1)</sup> It-tieni numru hu mogħti biss bħala eżempju.



## ANNEX 3

**PROCĊURA TA' TEST LI JIPPRODUĊI L-ĦSARA GĦAL APPARAT PROTETTIV L-AĠIR FUQ L-ISTERING**

1. IT-TAGĦMIR TAT-TESTIJET  
It-tagħmir tat-test għandu jkun jikkonsisti fi:
  - 1.1. Pożizzjoni fissa adattata għall-immuntar komplut tal-kampjun tal-istering mal-apparat protettiv imwahaħhal, kif deskritt fil-paragrafu 2.3 ta' dan ir-Regolament;
  - 1.2. Mezz għall-attivazzjoni u deattivazzjoni tal-apparat protettiv li għandu jinkludi l-użu taċ-ċavetta;
  - 1.3. Mezz għad-dawrien tax-xaft tal-istering relattiv mal-apparat protettiv.
2. METODU TA' TTESTJAR
  - 2.1. Kampjun tal-istering komplut bl-apparat protettiv huwa mwahaħhal mal-pożizzjoni fissa msemmija fil-paragrafu 1.1. hawn fuq.
  - 2.2. Ċiklu wieħed tal-proċedura tat-test għandu jikkonsisti fl-operazzjonijiet li ġejjin:
    - 2.2.1. Pożizzjoni ta' startjar. L-apparat protettiv għandu jiġi diattivat u x-xaft tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat protettiv, sakemm ma jkunx tat-tip li jippermetti li jillokkja f'kull pożizzjoni tal-istering.
    - 2.2.2. Issettjat biex jaġixxi. L-apparat protettiv għandu jiġi mċaqlaq mill-pożizzjoni diattivata għal dik attivata, bl-użu taċ-ċavetta.
    - 2.2.3. <sup>(1)</sup> Attivat. Ix-xaft tal-istering għandu jiddawwar b'tali mod li t-tensjoni fuqu, fil-mument tal-ingaġġ tal-apparat protettiv, tkun ta'  $5.85 \text{ Nm} \pm 0.25 \text{ Nm}$ .
    - 2.2.4. Deattivat. L-apparat protettiv għandu jiġi diattivat bil-mezzi normali, bit-tensjoni titnaqqas għal zero biex jiġi faċilitat id-disingaġġ.
    - 2.2.5. <sup>(1)</sup> Ritorn. Ix-xaft tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat protettiv.
    - 2.2.6. Tidwir oppost. Irrepeti l-proċeduri deskritti fil-paragrafi 2.2.2, 2.2.3, 2.2.4 u 2.2.5., iżda fid-direzzjoni opposta ta' tidwir tax-xaft tal-istering.
    - 2.2.7. L-intervall ta' żmien bejn iż-żewġ ingaġġi suċċessivi tal-apparat għandu jkun tal-anqas ta' 10 sekondi.
  - 2.3. Iċ-ċiklu li jipproduċi l-ħsara permezz tal-użu għandu jiġi rripetut għal-numru ta' drabi speċifikat fil-paragrafu 6.1.3 tal-Anness IV.

---

<sup>(1)</sup> Jekk l-apparat protettiv jippermetti li l-istering jillokkja f'kull pożizzjoni, il-proċeduri deskritti fil-paragrafi 2.2.3 u 2.2.5 għandhom jiħassru.

It-testi oriġinali UN/ECE biss għandhom effett legali skont id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus UN/ECE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:  
<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

**Ir-Regolament Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu**

**Reviżjoni 1**

Li tinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-suppliment 5 għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament – Id-data tad-dħul fis-seħħ: 7 ta' Diċembru 2002

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet
6. Modifikazzjonijiet tat-tip ta' vettura
7. Konformità tal-produzzjoni
8. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
9. Ismijiet u indirizzi ta' servizzi tekniċi responsabbli mit-tweġiq ta' testijiet ta' approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi

ANNESI

Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa għal kollox ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu skont ir-Regolament Nru 39

Anness 2 – Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 – Test ta' preċiżjoni tal-ispeedometer għall-konformità tal-produzzjoni

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji L, M u N <sup>(1)</sup>.

2. DEFINIZZJONIJET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- 2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu.
- 2.2. "Tip ta' vettura fir-rigward tal-ispeedometer tagħha" tfisser vetturi li bejniethom ma juru ebda differenzi essenzjali, fejn daww id-differenzi jistgħu japplikaw, b'mod partikolari, għal dawn li ġejjin:
  - 2.2.1. id-deskrizzjoni tad-daqs tat-tajers magħżula mill-medda ta' tajers normalment imwahnha;
  - 2.2.2. il-proporzjon globali ta' trażmissjoni, inkluż kull apparat għat-tnaqqis ta' sewqan, mal-ispeedometer;

<sup>(1)</sup> Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2).

- 2.2.3. it-tip ta' speedometer kif ikkaratterizzat minn dan li ġej:
- 2.2.3.1. it-tolleranzi tal-mekkaniżmu ta' kejl tal-speedometer;
- 2.2.3.2. il-kostant tekniku tal-speedometer;
- 2.2.3.3. il-medda ta' veloċitajiet murija.
- 2.3. "Tajers imwahnha normalment" tfisser it-tip jew tipi ta' tajer pprovduti mill-manifattur fuq it-tip ta' vettura kkonċernata; tajers tal-borra ma għandhomx jitqiesu bħala tajers imwahnha normalment;
- 2.4. "Pressjoni ta' użu normali" tfisser il-pressjoni ta' inflazzjoni kiesħa speċifikata mill-manifattur tal-vettura miżjuda b'0.2 bar;
- 2.5. "Speedometer" tfisser dik il-parti tat-tagħmir tal-speedometer li tindika lis-sewwieq il-veloċità tal-vettura tiegħu fi kwalunkwe ħin; <sup>(1)</sup>
- 2.5.1. "Tolleranzi tal-mekkaniżmu ta' kejl tal-speedometer" għandha tfisser il-precizzjoni tal-istrument tal-speedometer proprju, espressa bħala l-limiti massimi u minimi tal-indikazzjoni ta' veloċità għal medda ta' inputs ta' veloċità;
- 2.5.2. "Kostant tekniku tal-speedometer" għandha tfisser ir-relazzjoni bejn id-dawriet jew l-impulsi tal-input kull minuta u veloċità speċifikata murija;
- 2.6. "Vettura mingħajr tagħbija" tfisser il-vettura f'kundizzjoni li taħdem, mimlija bil-karburant, sustanza għat-tkessiħ, lubrikant, għodod u stepni (jekk pprovduti bħala tagħmir standard mill-manifattur tal-vettura), li ġġorr sewwieq li jiżen 75 kg, iżda mingħajr ebda persuna takkumpanja lis-sewwieq, aċċessorji mhux obbligatorji jew tagħbija.
3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-speedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.
- 3.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin fi tliet kopji u bid-dettalji li ġejjin:
- 3.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-punti msemmija fil-paragrafi 2.2, 2.3, 2.4 u 2.5 hawn fuq; għandu jiġi speċifikat it-tip tal-vettura.
- 3.3. Vettura mingħajr tagħbija rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li trid tiġi approvata, għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni.
- 3.4. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.
4. APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk it-tip ta' vettura ppreżentata għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament fejn għandu x'jaqsam it-tagħmir tal-speedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

<sup>(1)</sup> Dan ma jinkludix il-parti ta' takografu li tindika l-veloċità jekk din tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip li ma jippermettux differenza assoluta bejn il-veloċità reali u dik indikata li hi ogħla mill-valuri li jirriżultaw mir-rekwiżiti fil-paragrafu 5.3 hawn taħt.

- 4.2. Għandu jingħata numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri għandhom ikunu l-ogħla mis-serje ta' emendi inkorporati fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6 ta' dan ir-Regolament.
- 4.3. Notifika ta' approvazzjoni jew ta' ċaħda ta' approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkomunikata lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u ta' dijagrammi, pprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni, tal-installazzjoni fformat mhux akbar minn A4 (210 × 297 mm) jew mitwi għal dak il-format, u fuq skala approprijata.
- 4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha titwawhal, b'mod evidenti u f'post faċilment aċċessibbli, speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka internazzjonali ta' approvazzjoni li tikkonsisti f'dan li ġej:
- 4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi lill-pajjiż li ta l-approvazzjoni; <sup>(1)</sup>
- 4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, flimkien mal-ittra "R", sing u numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku deskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti annessi mal-Ftehim fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn ikun imtenni; f'każ bħal dan, in-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonhom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma għandhiex tkun tista' titfassar.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib jew fuq il-panċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.
- 4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.
5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET
- 5.1. L-iskrin tal-speedometer għandu jkun pożizzjonat fil-kamp viżiv dirett tas-sewwieq u għandu jkun jista' jinqara b'mod ċar kemm binhar kif ukoll billejl. Il-medda ta' veloċitajiet murija għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tinkludi l-veloċità massima ta' dan it-tip ta' vettura kif iddikjarat mill-manifattur.
- 5.1.1. Fil-każ ta' speedometers maħsuba għal vetturi tal-kategoriji M, N, u L<sub>3</sub>, L<sub>4</sub> u L<sub>5</sub>, il-gradazzjoni għandha tkun 1, 2, 5 jew 10 km/h. Il-valuri numeriċi tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-iskrin kif ġej: meta l-ogħla valur fuq l-iskrin ma jkunx jaqbeż il-200 km/h, il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma jaqbżux l-20 km/h. Meta l-valur massimu fuq l-iskrin jaqbeż il-200 km/h, imbagħad il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma jaqbżux it-30 km/h. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma hemmx b'żonn ikunu uniformi.

<sup>(1)</sup> 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Isvetja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għall-Jugoslavja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvizzera, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnja-Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Azerbajġan, 40 għal Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha bl-użu tas-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vakanti), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel u 48 għan-New Zealand. In-numri sussegwenti għandhom jingħataw lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġika li filha jirratifikaw jew jiffirmaw il-Ftehim li Jikkonċerna l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwawhlu u/jew Jintużaw fuq il-Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri mogħtija b'dan il-mod għandhom ikunu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

- 5.1.2. Fil-każ ta' vetturi manifatturati biex jinbiegħu f'kull pajjiż fejn jintużaw unitajiet imperjali, l-ispeedometer għandu jkun ukoll immarkat f'mili fis-siegħa (mph); il-gradazzjonijiet għandhom ikunu 1, 2, 5 jew 10 mph. Il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq il-kwadrant f'intervalli li ma jaqbżux l-20 mph u li jibdew minn 10 jew 20 mph. L-intervalli tal-valuri tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi.
- 5.1.3. Fil-każ ta' speedometers maħsuba għal vetturi tal-kategoriji L<sub>1</sub> (motorini) u L<sub>2</sub>, il-qari tal-iskrin ma għandux jaqbeż it-80 km/h. Il-gradazzjoni għandha tkun 1, 2, 5 jew 10 km/h u l-valuri numeriċi mmarkati tal-veloċità indikata ma għandhomx jaqbżux l-10 km/h. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma hemmx bżonn ikunu uniformi.
- 5.1.4. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M, N, u L<sub>3</sub>, L<sub>4</sub> u L<sub>5</sub> manifatturati biex jinbiegħu f'kull pajjiż fejn jintużaw unitajiet imperjali, l-ispeedometer għandu jkun ukoll immarkat f'mph (mili fis-siegħa); il-gradazzjoni għandha tkun 1, 2, 5 jew 10 mph. Il-valuri numeriċi tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-iskrin f'intervalli li ma jaqbżux l-20 mph u li jibdew minn 10 jew 20 mph. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi.
- 5.2. Il-preċiżjoni tat-tagħmir tal-ispeedometer għandha tiġi ttestjata skont il-proċedura li ġejja:
- 5.2.1. It-tajers għandhom ikunu wieħed mit-tipi normalment imwählha mal-vettura kif definit fil-paragrafu 2.3. ta' dan ir-Regolament. Għandu jitwettaq test għal kull tip ta' speedometer maħsub biex jitwählha mill-manifattur.
- 5.2.2. It-test għandu jitwettaq bil-vettura fil-piż tagħha mingħajr tagħbija. Jista' jinġarr piż addizzjonali għal finijiet ta' kejl. Il-piż tal-vettura u d-distribuzzjoni tagħha bejn il-fusijiet għandhom ikunu indikati fil-komunikazzjoni tal-approvazzjoni (ara l-Anness 1, paragrafu 6);
- 5.2.3. It-temperatura ta' referenza fl-ispeedometer għandha tkun  $23 \pm 5$  °C;
- 5.2.4. Waqt kull test il-pressjoni tat-tajers għandha tkun il-pressjoni tas-sewqan normali kif definita fil-paragrafu 2.4;
- 5.2.5. Il-vettura hi ttestjata fil-veloċitajiet li ġejjin:

Veloċità massima skont id-disinn ( $V_{max}$ ) tal-vettura speċifikata mill-manifattur tal-vettura (km/h)	Veloċità tat-test ( $V_1$ ) (km/h)
$V_{max} \leq 45$	80 % tal- $V_{max}$
$45 < V_{max} \leq 100$	40 km/h u 80 % $V_{max}$ (jekk il-veloċità li tirriżulta tkun $\geq 55$ km/h)
$100 < V_{max} \leq 150$	40 km/h, 80 km/h u 80 % $V_{max}$ (jekk il-veloċità li tirriżulta tkun $\geq 100$ km/h)
$150 < V_{max}$	40 km/h, 80 km/h u 120 km/h

- 5.2.6. l-istrumentazzjoni tat-test użata għall-kejl tal-veloċità reali tal-vettura għandha tkun preċiża sa  $\pm 0,5$  fil-mija;
- 5.2.6.1. il-wiċċ ta' korsa tat-test meta tintuża għandu jkun ċatt u niexef, u jipprovdi adeżjoni suffiċjenti;
- 5.2.6.2. jekk jintuża dinamometru bir-romblu għat-test, id-dijametru tar-romblu għandu jkun mill-inqas 0,4 m;

- 5.3. Il-veloċità indikata ma għandhiex tkun inqas mill-veloċità reali tal-vettura. Bil-velocitàjiet tat-test speċifikati fil-paragrafu 5.2.5 hawn fuq, għandu jkun hemm ir-relazzjoni li ġejja bejn il-veloċità murija ( $V_1$ ) u l-veloċità reali ( $V_2$ ).

$$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0,1 V_2 + 4 \text{ km/h}$$

6. MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP TA' VETTURA

- 6.1. Kull modifikazzjoni tat-tip ta' vettura għandha tiġi kkomunikata lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad jista' jkun:

- 6.1.1. iqis li l-modifikazzjonijiet li saru mhux probabbli li se jkollhom effett avvers apprezzabbli u li jkun xi jkun il-każ, il-vettura xorta għadha tissodisfa r-rekwiżiti; jew

- 6.1.2. jitlob lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet biex jagħmel rapport ieħor dwar it-test.

- 6.2. L-avviż ta' konferma jew każda tal-approvazzjoni, flimkien mad-dettalji tal-modifikazzjonijiet, għandu jiġi kkomunikat permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 7.1. Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

- 7.2. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti tal-parti(jiet) rilevanti ta' dan ir-Regolament.

- 7.3. Għal kull tip ta' vettura jsiru kontrolli suffiċjenti fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer u l-installazzjoni tiegħu; b'mod partikolari, għal kull tip ta' vettura għandu jitwettaq mill-inqas it-test preskritt fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

- 7.4. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip, tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi ta' kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba kull sentejn.

- 7.5. Fejn jinstabu riżultati mhux sodisfaċenti matul il-verifiki u l-kontrolli skont il-paragrafu 7.4 hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex terġa' tinkiseb il-konformità tal-produzzjoni mal-ajr kemm jista' jkun.

8. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 7.1 hawn fuq ma jiġix sodisfatt jew jekk il-vetturi jkunu naqsu milli jgħaddu mill-kontrolli preskritti fil-paragrafu 7 hawn fuq.

- 8.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.


9. ISMIJET U INDIRIZZI TA' SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBILI MIT-TWETTIQ TA' TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI

Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li taw l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-każda jew l-irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

## ANNEX 1

## KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....  
 .....  
 .....

li tikkonċerna <sup>(2)</sup>: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA  
 APPROVAZZJONI ESTIŻA  
 APPROVAZZJONI MIĊĦUDA  
 APPROVAZZJONI RTIRATA  
 PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦAL KOLLOX

ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu skont ir-Regolament Nru 39.

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-Estensjoni .....

1. Isem jew marka kummerċjali tal-vettura: .....
2. Tip tal-vettura: .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur:
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur:
5. Deskrizzjoni tat-tagħmir tal-ispeedometer: .....
- 5.1. Dettalji ta' tajers normalment imwahnha: .....
- 5.2. Dettalji ta' tajers imwahnha matul it-test: .....
- 5.3. Proporzjon tat-tagħmir tal-ispeedometer: .....
6. Massa tal-vettura kif ittestjata u d-distribuzzjoni tagħha bejn il-fusijiet:
7. Varjanti: .....
8. Vettura ppreżentata għall-approvazzjoni fi: .....
9. Servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
10. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
11. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
12. Approvazzjoni mogħtija/miċħuda/estiża/irtirata <sup>(2)</sup>

13. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....
14. Post: .....
15. Data: .....
16. Firma: .....
- 

---

<sup>(1)</sup> Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni fir-Regolament).

<sup>(2)</sup> Aqta' fejn ma japplikax.




## ANNEX 2

## ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

## MUDELL A

(ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwajhla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġiet approvata fl-Olanda (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 39. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 39 fil-forma oriġinali tiegħu.

## MUDELL B

(ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwajhla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġiet approvata fl-Olanda (E 4), skont ir-Regolamenti Nru 39 u Nru 33<sup>(1)</sup>. In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta nġhataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolamenti Nru 39 u Nru 33 kienu għadhom fil-forma oriġinali tagħhom.

<sup>(1)</sup> It-tieni numru jingħata biss bħala eżempju

## ANNEX 3

**TEST TA' PREĊIŻJONI TAL-ISPEEDOMETER GĦALL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI**

## 1. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST

Il-kundizzjonijiet tat-test għandhom ikunu kif stipulati fil-paragrafi 5.2.1 sa 5.2.6 ta' dan ir-Regolament.

## 2. REKWIŻITI

Il-produzzjoni għandha titqies li tikkonforma ma' dan ir-Regolament jekk ir-relazzjoni li ġejja bejn il-veloċità indikata fuq l-iskrin tal-ispeedometer ( $V_1$ ) u l-veloċità effettiva ( $V_2$ ) tkun osservata:

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M u N:

$$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0,1 V_2 + 6 \text{ km/h};$$

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji L<sub>3</sub>, L<sub>4</sub> u L<sub>5</sub>:

$$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0,1 V_2 + 8 \text{ km/h};$$

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji L<sub>1</sub> u L<sub>2</sub>:

$$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0,1 V_2 + 4 \text{ km/h}.$$

---

Huma biss it-testi NU/KEE li għandhom effett legali skont il-liġi pubblika internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

**Ir-Regolament Nru 73 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi tat-tagħbija, il-karrijiet u s-semikarrijiet fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħhom**

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-suppliment 1 għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament – Id-data tad-dħul fis-seħħ: 10 ta' Novembru 2007

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Għan
3. Definizzjonijiet
4. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
5. Approvazzjoni
6. Rekwiżiti
7. Speċifikazzjonijiet tekniċi għal attrezzaturi protettivi laterali
8. Derogi
9. Il-modifiki tat-tip tal-vettura u l-estensjoni għall-approvazzjoni
10. Il-konformità tal-produzzjoni
11. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
12. Produzzjoni definittivament imwaqqfa
13. Ismijiet u indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli sabiex iwettqu t-testijiet ta' approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi

ANNESI

Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-estensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għal kolloxx ta' tip ta' vettura rigward il-protezzjoni laterali tagħha skont ir-Regolament Nru 73

Anness 2 – Eżempji tal-marki tal-approvazzjoni

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika biex jikkonkludi l-vetturi tal-kategoriji N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub>, O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub> <sup>(1)</sup> fir-rigward tal-protezzjoni laterali. Ma japplikax għal:

(a) tratturi għal semikarrijiet;

(b) vetturi ddisinjati u mibnija għall-għanijiet speċjali fejn ma jkunx possibbli, għal raġunijiet prattiċi, li tiġi mwaħħla dik il-protezzjoni laterali.

2. GĦAN

Il-vetturi koperti minn dan ir-Regolament għandhom jinbnew u/jew jiġu attrezzati b'tali mod li joffru protezzjoni effettiva lill-utenti tat-toroq mhux protetti kontra r-riskju li jaqgħu taħt il-ġnub tal-vettura u jinqabdu taħt ir-roti. <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (id-dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2 kif emendat l-aħħar mill-Emenda 4).

<sup>(2)</sup> Dan ir-Regolament ma jżomm lill-ebda pajjiż milli jkollu rekwiżiti addizzjonali għall-partijiet tal-vettura 'l hinn mir-roti ta' quddiem u lura mir-roti ta' wara.

3. DEFINIZZJONIJIET
- 3.1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:
  - 3.1.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni kompluta ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħha;
  - 3.1.2. "Tip tal-vettura" tfisser kategorija ta' vetturi li mhumiex differenti fir-rigward tal-punti essenzjali bħalma huma l-wisa' tal-fus ta' wara, il-wisa' totali, id-dimensjonijiet, l-għamla u l-materjali tal-ġenb kollu tal-vettura (inkluża l-kabina jekk din tkun ġiet impoġġija) u l-karatteristiċi tas-sospensjoni sa fejn dawn għandhom influwenza fuq ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 7 ta' dan ir-Regolament;
  - 3.1.3. "Massa massima" tfisser il-massa ddikjarata mill-manifattur tal-vettura li hija teknikament permissibbli (din il-massa tista' tkun ogħla mill-"massa massima permissibbli" stipulata mill-amminis-trazzjoni nazzjonali);
  - 3.1.4. "Piż mhux mgħobbi" tfisser il-piż tal-vettura f'kundizzjoni ta' sewqan, mhix okkupata u mhix mgħobbija iżda kompluta bil-karburant, likwidu tat-tkessiħ, lubrikant, għodda u rota żejda, jekk ipprovduta mill-manifattur tal-vettura bħala tagħmir standard;
  - 3.1.5. "Utenti tat-toroq mhux protetti" tfisser pedestrjani, ċiklisti jew sewwieqa tal-muturi li jużaw it-toroq b'tali mod li jistgħu jaqgħu taħt il-ġnub tal-vettura u jinqabdu taħt ir-roti.
4. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
- 4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħha għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.
- 4.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u minn dawn id-dettalji li ġejjin:
  - 4.2.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip tal-vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħha sa fejn dawn huma obbligati għall-fini ta' dan ir-Regolament;
  - 4.2.2. tpinġijiet tal-vettura li juru t-tip tal-vettura f'levazzjoni mill-ġenb u minn wara u dettalji tad-disinn tal-partijiet laterali tal-istruttura;
  - 4.2.3. deskrizzjoni dettaljata tal-attrezzatura speċifika għall-protezzjoni laterali: id-dimensjonijiet, il-linji, il-materjali kostitwenti u l-pożizzjoni tiegħu fil-vettura.
- 4.3. Għandha tingħata vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat lis-servizz tekniku responsabbli mill-kontroll tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.
  - 4.3.1. Vettura li ma tinkludix il-komponenti kollha xierqa għat-tip tista' tkun aċċettata għall-approvazzjoni kemm-il darba jista' jintwera li n-nuqqas tal-komponenti mhux inklużi m'għandu l-ebda effett detrimentali fuq ir-riżultati tal-approvazzjoni sakemm għandhom x'jaqsmu r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
  - 4.3.2. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' min japplika għall-approvazzjoni li juri li l-aċċettazzjoni tal-varjanti msemmija fil-paragrafu 4.3.1. ta' hawn fuq hija kompatibbli u konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
  - 4.3.3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.
5. APPROVAZZJONI
- 5.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 6 u 7 hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.
- 5.2. Għandu jingħata numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 00 għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi prinċipali l-aktar reċenti li saru lir-Regolament fiż-żmien meta hargħet l-approvazzjoni. L-istess Parti/Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ta' vettura oħra.

- 5.3. In-notifika dwar l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.
- 5.4. Għandu jkun hemm imwaħħal, f'post fejn jidher u li hu aċċessibbli malajr speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata taħt dan ir-Regolament marka ta' approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:
- 5.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi lill-pajjiż li ta l-approvazzjon <sup>(1)</sup>
- 5.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", minn daxx u min-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 5.4.1.
- 5.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip approvat ta' vettura, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu/5.4.1 mhemmx għalfejn ikun ripetut; f'dak il-każ in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li taħthom tkun ħarġet l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni taħt dan ir-Regolament għandhom jitpoġġew fil-kolonna vertikali fuq il-lemin tas-simbolu msemmi fil-paragrafu 5.4.1.
- 5.6. Il-marka tal-approvazzjoni trid tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titfassar.
- 5.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-panċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.
- 5.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.
6. REKWIŻITI
- 6.1. ĠENERALI
- 6.1.1. Il-vetturi tal-kategoriji N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub>, O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub> għandhom jimnew u jiġu attrezzati b'tali mod li joffru, mat-tul kollu ta' tagħhom protezzjoni effettiva lill-utenti tat-toroq mhux protetti kontra r-riskju li jaqgħu taħt il-ġnub tal-vettura u jinqabdu taħt ir-roti. Dan il-kriterju għandu jkun kunsidrat bħala milħuq jekk:
- 6.1.1.1. il-vettura hija mġhammra b'attrezzatura protettiva speċjali laterali (gwardji tal-ġenb) skont il-ħtiġiet tal-paragrafu 7; inkella
- 6.1.1.2. jekk il-vettura hija ddisinjata u/jew attrezzata fuq il-ġenb b'tali mod li, permezz ta' għamliet u l-karatteristiċi ta' tagħha, l-partijiet komponenti ta' tagħha jkunu jistgħu jiġu inkorporati u/jew meqjusa bħala alternattiva għall-attrezzatura tal-protezzjoni laterali. Komponenti li l-funzjoni kombinata ta' tagħhom tissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 7 ta' hawn taħt huma meqjusa li jiffurmaw attrezzatura protettiva laterali.

<sup>(1)</sup> 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvezja, 15 (vojta), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vojta), 31 għall-Bożnja u Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vojta), 34 għall-Bulgarija, 35 (vojta), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vojta), 39 għall-Azerbajġan, 40 għal Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vojta), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri ta' tagħha li jużaw is-simbolu KEE rispettiv ta' tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vojta), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għan-New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malasja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (vojta) u 56 għall-Montenegro. Numri sussegwenti għandhom jiġu assenjati lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li bih jirratifikaw jew jaderixxu mal-Agreement Concerning the Adoption of Uniform Technical Prescriptions for Wheeled Vehicles, Equipment and Parts which can be Fitted and/or be Used on Wheeled Vehicles and the Conditions for Reciprocal Recognition of Approvals Granted on the Basis of these Prescriptions, u n-numri b'hekk assenjati għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

## 6.2. IL-POŻIZZJONAMENT TAL-VETTURA MATUL IL-KONTROLLI

Meta l-vettura tiġi ċċekkjata għall-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fil-paragrafu 7 ta' hawn taħt, il-pożizzjoni tagħha għandha tkun kif ġej:

Il-vettura għandha tiġi ppożizzjonata fuq wiċċ orizzontali wieti;

Ir-roti kkontrallati mill-istering għandhom ikunu f'pożizzjoni 'l quddiem;

Il-vettura ma għandhiex tkun mgħobbija;

Is-semikarrijiet għandhom ikunu mqiegħda fuq l-irfid tagħhom f'manjiera essenzjalment orizzontali.

## 7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦAL ATTREZZATURI PROTETTIVI LATERALI

7.1. L-attrezzatura għall-protezzjoni laterali ma għandhiex iżżid il-wisa' globali tal-vettura u l-parti prinċipali tal-wiċċ ta' barra tiegħu m'għandux ikun aktar minn 120 mm 'il ġewwa mill-pjan l-aktar 'il barra (wisa' massima) tal-vettura. Il-parti ta' quddiem tiegħu tista' tkun imdawra 'l ġewwa fuq xi vetturi skont il-paragrafi 7.4.3 u 7.4.4. It-tarf ta' wara tiegħu m'għandux ikun aktar minn 30 mm 'l ġewwa mill-aktar tarf il-barra tat-tyres ta' wara (ħlief għal xi nefħa rregolari 'l barra tat-tajers viċin l-art) matul tal-anqas l-aktar 250 mm lura.

7.2. Il-wiċċ ta' barra tal-mezz għandu jkun lixx, u safejn possibbli kontinwu minn quddiem sa wara; partijiet fejn xulxin jistgħu iżda jittrikkbu, sakemm it-tarf li jittrikkeb ikun iħares lura jew 'l isfel, jew jista' jitħalla xaqq ta' mhux aktar minn 25 mm imkejjel orizzontalment, sakemm il-parti ta' wara ma tkunx tisporġi 'l barra mill-parti ta' quddiem; irjus irtondjati ta' boldijiet jew rivits jistgħu jisporġu 'l barra mill-wiċċ sa mhux aktar minn distanza ta' 10 mm u l-partijiet l-oħra jistgħu jisporġu 'l barra sa dak il-limitu sakemm dawn ikunu ċatti u rtondjati bl-istess mod; it-trufijiet u l-kantunieri kollha esterni għandhom jiġu rtondjati b'raġġ ta' mhux anqas minn 2,5 mm

7.3. Il-mezz jista' jikkonsisti f'wiċċ ċatt kontinwu, jew virga ta' gwida (rail) waħda orizzontali jew iżjed, jew kombinazzjoni ta' wiċċ u vireg ta' gwida; meta jintużaw il-vireg ta' gwida, dawn m'għandhomx ikunu aktar minn 300 mm il-bogħod minn xulxin u mhux anqas minn:

50 mm għolja fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N<sub>2</sub> u O<sub>3</sub>;

100 mm għolja u essenzjalment ċatti fil-każ ta' vetturi N<sub>3</sub> u O<sub>4</sub>

kombinazzjonijiet ta' wċuħ u vireg ta' gwida għandhom jiffurmaw gwardja tal-ġenb kontinwa Prattika, bla ħsara, iżda, għad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 7.2.

7.4. Il-parti ta' quddiem tal-gwardja tal-ġenb għandha tinbena kif ġej:

7.4.1. Il-pożizzjoni tagħha għandha tkun:

7.4.1.1. fuq vettura b'makna: sa mhux aktar minn 300 mm sa wara tal-pjan vertikali b'mod perpendikulari mal-pjan lonġitudinali tal-vettura u tanġenzjali mal-wiċċ estern tat-tajer fuq ir-rotta eżatt quddiem il-gwardja;

7.4.1.2. fuq karru drawbar: mhux aktar minn 500 mm lura mill-pjan definit fil-paragrafu 7.4.1.1;

7.4.1.3. fuq semikarru: mhux aktar minn 250 mm lura mill-pjan medjan trasversali tas-saqajn li jirfdu, jekk saqajn li jirfdu jkunu mwaħħlin, iżda f'kull każ id-distanza bejn ix-xifer ta' quddiem u l-pjan trasversali li jgħaddi miċ-ċentru tal-kingpin fl-aktar pożizzjoni lura m'għandux jeċċedi 2,7 m.

- 7.4.2. Meta x-xifer ta' quddiem ikun jinsab fi spazju xort'oħra miftuħ, ix-xifer għandu jkun jikkonsisti f'membri vertikali kontinwi li jestendi mal-għoli kollu tal-gwardja; l-uċuh ta' barra u ta' quddiem ta' dan il-membri għandhu jkun tal-anqas 50 mm lura u jkun imdawwar 100 mm 'il ġewwa fil-każ ta' N<sub>2</sub> u O<sub>3</sub> u tal-anqas 100 mm lura u jkun imdawwar 100 mm 'il ġewwa fil-każ ta' N<sub>3</sub> u O<sub>4</sub>.
- 7.4.3. Fuq vettura bil-makna fejn id-dimensjoni ta' 300 mm imsemmija fil-paragrafu 7.4.1.1 taqa' ġewwa l-kabina, il-gwardja għandha tkun mibnija b'tali mod li x-xaqq bejn ix-xifer ta' quddiem tagħha u l-panewwijiet tal-kabina ma jaqbiżx il-100 mm u, jekk ikun meħtieġ, għandha tiddawwar f'angolu li ma jaqbiżx il-45°. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7.4.2. ma japplikawx.
- 7.4.4. Fuq vettura bil-makna fejn id-dimensjoni ta' 300 mm msemija fil-paragrafu 7.4.1.1. taqa' wara l-kabina u l-gwardja tal-ġenb hija estiża 'l quddiem sa 100 mm jew inqas mill-kabina, bħala għażla lill-manifattur, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7.4.3 għandhom jitħarsu.
- 7.5. Ix-xifer ta' wara tal-gwardja tal-ġenb ma għandux ikun iktar minn 300 mm 'l quddiem mill-pjan vertikali perpendikulari mal-pjan lonġitudinali tal-vettura u tanġenzjali mal-wiċċ ta' barra tat-tajer fuq ir-rotta eżatt ma' wara; membru kontinwi vertikali mhux meħtieġ fuq ix-xifer ta' wara.
- 7.6. Ix-xifer t'isfel tal-gwardja tal-ġenb ma għandu fl-ebda punt ikun aktar minn 550 mm maqtuġh mill-art.
- 7.7. Ix-xifer ta' fuq tal-gwardja għandu jkun mhux aktar minn 350 mm taħt il-parti tal-istruttura tal-vettura, maqtuġh jew imiss ma' pjan vertikali tanġenzjali mal-wiċċ ta' barra tat-tajers, eskluża kull nefħa viċin l-art, ħlief fil-każi li ġejjin:
- 7.7.1. Fejn il-pjan fil-paragrafu 7.7 ma jaqtax l-istruttura tal-vettura, ix-xifer ta' fuq għandu jkun livell max-xifer tal-pjattaforma li ġgħorr it-tagħbija, jew 950 mm mill-art, skont liema jkun l-anqas;
- 7.7.2. Fejn il-pjan fil-paragrafu 7.7 jaqta l-istruttura tal-vettura flivell ta' aktar minn 1,3 m il-fuq mill-art, ix-xifer ta' fuq tal-gwardja tal-ġenb għandu jkun mhux anqas minn 950 mm maqtuġh mill-art;
- 7.7.3. Fuq vettura speċjalment disinjata u mibnija, u mhux sempliċiment adattata, għall-ġarr ta' kontejner jew demountable body, ix-xifer ta' fuq tal-gwardja għandu jiġi stabbilit skont il-paragrafi 7.7.1 u 7.7.2 ta' hawn fuq, bil-kontejner jew korp jiġi meqjus bħala parti mill-vettura.
- 7.8. Il-gwardji tal-ġenb għandhom ikunu essenzjalment riġidi, imwahnha sew (m'għandhomx ikunu suġġetti li jinħallu minħabba l-vibrazzjoni fl-użu normali tal-vettura) u, ħlief fir-rigward tal-partijiet elenkati fil-paragrafu 7.9, magħmula mill-metall jew minn xi materjal adattat ieħor. Il-gwardja tal-ġenb għandha tkun meqjusa adattata jekk tkun kapaċi li iżżomm saħħa orizzontali statika ta' 1 kN applikata perpendikolarment għal xi parti tal-wiċċ estern tagħha miċ-ċentru ta' punta li l-wiċċ tagħha jkun tond u ċatt, b'dijametru ta' 220 mm ± 10 mm, u jekk id-diflessjoni tal-gwardja taħt piż tkun anqas minn:

30 mm fuq l-aktar parti lura ta' 250 mm tal-gwardja, u

150 mm fuq il-bqija tal-gwardja.

Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit tista' tiġi vverifikata permezz ta' kalkolu.

- 7.9. Komponenti permanentement inwählha mal-vettura, eż. roti żejda, kaxxa tal-batterija, tankijiet tal-arja, tankijiet tal-karburant, lampi, rifletturi u kaxxi tal-għodda, jistgħu jiġi inkorporati fil-gwardja tal-ġenb, sakemm ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet dimensjonali ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 7.2 għandhom ġeneralment japplikaw fir-rigward ta' xquq bejn l-attrezzaturi protettivi u l-komponenti mwählha b'mod permanenti.
- 7.10. Il-gwardja tal-ġenb m'għandhiex tintuża biex jitwählhu magħha pajpijiet tal-brejk, arja jew idrawliku.
8. DEROGI
- 8.1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, vetturi tat-tipi li ġejjin huma meħtieġa li jikkonformaw biss kif indikat f'kull każ:
- 8.1.1. Karru li jestendi għandu jikkonforma mal-ħtiġiet kollha tal-paragrafu 7, meta jkun magħluq fit-tul minimu tiegħu; meta l-karru huwa estiż, madankollu, il-gwardji tal-ġenb għandhom ikunu konformi mal-paragrafi 7.6, 7.7 u 7.8, u jew ma' 7.4 inkella 7.5, imma mhux bilfors mat-tnejn li huma; l-estensjoni tal-karru m'għandhiex tipproduċi xquq fit-tul tal-gwardji tal-ġenb;
- 8.1.2. Vettura tank, li hija vettura unikament iddisinjata għall-ġarr ta' sustanza likwida f'tank magħluq permanentement imwählha mal-vettura u provdut b'konnessjonijiet ta' manki jew pajpijiet għat-tagħbija jew ħatt, għandha tkun iffittjata bi gwardji tal-ġenb li jikkonformaw sa fejn hu prattiku mal-ħtiġiet tal-paragrafu 7; konformità stretta tista titneħħa biss fejn il-ħtiġiet ta' operazzjoni jagħgmlu dan meħtieġ;
- 8.1.3. Fuq vettura fittjata b'saqajn li joħorġu biex jipprovdu stabbilità matul it-tagħbija, ħatt jew operazzjonijiet oħra li għalihom il-vettura hija disinjata, il-gwardji tal-ġenb għandhom ikunu rranġati bi xquq addizzjonali fejn dawn huma meħtieġa biex jippermettu li joħorġu s-saqajn.
- 8.1.4. Fuq vettura mġhamra b'punti ta' ankoraġġ għat-trasport ro-ro, għandhom ikunu permessi xquq fil-gwardja tal-ġenb biex ikunu jstgħu jgħaddu u jiġu ssikkati l-ħbula.
- 8.2. Jekk il-ġnub tal-vettura jkunu hekk disinjati u/jew mġhamra illi bil-forma u karatteristiċi tagħhom il-partijiet komponenti flimkien jilhq u l-ħtiġiet tal-paragrafu 7, jstgħu jitqiesu li jkun qegħdin jieħdu post il-gwardji tal-ġenb.
9. IL-MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA U L-ESTENSIJONI TAL- APPROVAZZJONI
- 9.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura għandha tkun innotifikata lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' vettura. Id-dipartiment jista' mbagħad jew:
- 9.1.1. iqis li l-modifika magħmula x'aktarx ma jkollhomx effett negattiv sinifikanti u li xorta waħda l-vettura għadha tikkonforma mar-rekwiżiti; inkella
- 9.1.2. jitlob lis-servizz tekniku responsabbli li jagħmel it-testijiet biex dan jagħmel rapport ieħor dwar it-test.
- 9.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, li tispesifika l-modifika, għandha tkun ikkomunikata permezz tal-proċedura spesifika fil-paragrafu 5.3. aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.
- 9.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li titfassal għal estensjoni bħal din.




10. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-reqwiżiti li ġejjin:
- 10.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tkun konformi mat-tip approvat billi jintlaħqu r-reqwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6 hawn fuq.
- 10.2. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull stabbiliment ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba kull sentejn.
11. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 11.1. L-approvazzjoni maħruġa fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata kemm-il darba ma jitħarsux ir-reqwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 ta' hawn fuq.
- 11.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha tavża b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fl-aħħar ikollha, f'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata "APPROVAZZJONI RTIRATA".
12. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX
- Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għal kollox jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, u dan permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li jkollha miktub fl-aħħar, b'ittri kbar, l-annotament iffirmit u datat "PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX".
13. ISMIJET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBILI SABIEX IWETTQU T-TESTIJET TA' APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli li jagħmlu t-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li taw l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.
-

ANNEX I

KOMMUNIKAZZJONI

(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....  
.....  
.....

- li tikkonċerna <sup>(2)</sup>: L-APPROVAZZJONI
- IĊ-ĊAĦDA TAL-APPROVAZZJONI
- L-ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI
- L-IRTIRAR TAL-APPROVAZZJONI
- PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX

ta' tip ta' vettura rigward il-protezzjoni laterali skont ir-Regolament Nru 73

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-estensjoni .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura: .....
2. It-tip tal-vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħha: .....
6. Deskrizzjoni qasira tal-attrezzaturi protettivi fir-rigward tad-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħhom: .....
7. Massa massima: .....
8. Valur ta' diflessjoni dokumentat (ara l-paragrafu 7.8): ..... (imkejjel jew kalkulat)
9. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi: .....
10. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
11. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
12. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
13. Approvazzjoni mogħtija/miċħuda/estiża/irtirata <sup>(2)</sup>:
14. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....

15. Post: .....

16. Data: .....

17. Firma: .....

18. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' approvazzjoni muri hawn fuq, huma disponibbli meta jintalbu:  
[biex timtela]

\_\_\_\_\_

<sup>(1)</sup> Isem l-amministrazzjoni.


<sup>(2)</sup> Ingassa dak li ma japplikax.

## ANNEX 2

## EŻEMPJI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

## MUDELL A

(ara l-paragrafu 5.4. ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwahnha ma' vettura turi li t-tip tal-vettura, fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħha, ġiet approvata fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 73 taħt in-numru ta' approvazzjoni 002439. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni nġhatat skont il-kundizzjonijiet tar-Regolament Nru 73 fil-forma oriġinali tiegħu.

## MUDELL B

(ara l-paragrafu 5.5. ta' dan ir-Regolament)



Il-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq imwahnha fuq vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat għe approvat fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 73 u Nru 31 <sup>(1)</sup>. L-ewwel żewġ ċifri tan-numri ta' approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta nġhataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 73 ma għiex modifikat, u r-Regolament Nru 31 diġà inkluda s-serje ta' emendi 01.

<sup>(1)</sup> Dan in-numru tal-aħħar qed jingħata biss bħala eżempju.







## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

